

# MADONNA TA' PINU

## MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal Bord Editorjali.



*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.



**Abbonament għal sena:**

Lokali: 75ċ.
Sostenitur: Lm1.

Barra minn Malta: Lm1
Sostenitur: Lm2.


### INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA

Biex fuq l-eżempju ta' Marija l-ewwel missjunarja, u mudell tax-xandara tal-Evanġelju, fina nkabbru l-ispirtu missjunarju u l-ħeġġa għax-xandir tal-bxara t-tajba b'kull mezz possibbli għalina.


*"Gozo Press", Tel. 551534.*

VOL. III — SENA IX — NRU. 42

SETTEMBRU — OTTUBRU 1988



| | | |
|---|---|---|
| * | Il-Kelma tar-Rettur | 113 |
| * | Innoloġija Marjana | 114 |
| * | It-Twelid tal-Madonna fil-Liturġija | 117 |
| * | Tama u Faraġ | 120 |
| * | Il-Karizma tal-Ġrajja ta' Pinu | 121 |
| * | Sultana tal-Ħolqien | 123 |
| * | Santwarji Marjani f'Għawdex | 124 |
| * | Il-Bluha tar-Rużarju | 126 |
| * | Ma' Marija fiż-Żgħożija | 129 |
| * | a woman without compare | 130 |
| * | Tfal Tħobbuha lill-Madonna? | 133 |
| * | Xejn la Tibża' Tieħu lil Marija b'Martek | 134 |
| * | Mill-Ħajja tas-Santwarju | 136 |
| * | Grazzi Madonna Għax Smajtni | 138 |


### STAMPA TAL-QOXRA:

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.

# *Il-Kelma tar-Rettur*



*"Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek". "Qaddisa Marija Omm Alla, itlob għalina midinbin": dawn huma żewġ siltiet minn żewġ talbiet, waħda magħmula minn Alla u l-oħra minn Ommna l-Knisja Mqaddsa; żewġ siltiet li juru ċar x'għandu jfittex il-bniedem fid-dinja u kemm huma kbar id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom sabiex jikseb dak li għalih huwa maħluq.*

*Kif igħallimna Sidna Ġesù, il-bniedem għandu jfittex u jħabrek sabiex Alla li ħalqu jkun imfħhar, adurat u rringrazzjat ta' dak kollu li jagħmel miegħu u għandu jħabrek ukoll sabiex is-saltna Tiegħu tinfirex kullimkien, fi qlub il-bnedmin kollha. Din it-twissija jew stedina li għamel Sidna Ġesù lill-Appostli għadha 'l bogħod ħafna mir-realizzazzjoni tagħha, għaliex għalkemm Sidna Ġesù għarraf b'mod l-aktar ċar in-neċessità li t-tagħlim tiegħu jasal għand kull persuna, independentement mill-kulur jew kundizzjoni soċjali tiegħu, għad hawn fid-dinja kważi żewġ terzi tal-umanità li dan it-tagħlim għadhom ma semgħuhx jew semgħuh u ma laqgħuhx.*

*Bħala nsara li diġà ngawdu l-frott li jħalli fina t-tagħlim li l-Missjunarju tagħna wasslilna mingħand Ġesù nnifsu, aħna wkoll fid-dmir li fiċ-ċirkustanzi li nkunu fihom, inħabirku sabiex jitqaddes kullimkien l-Isem t'Alla u Saltnatu tinfirex ma' kull rokna tad-dinja. Naturalment mhux kulħadd huwa msejjaħ sabiex iħalli daru jew art twelidu ħalli jaħdem għas-saltna t'Alla u forsi nsibuha bi tqila jew naħsbu li mhix fil-linja tagħna li aħna wkoll naħdmu biex inwettqu din il-missjoni. Iżda dan jista' jsir b'għadd kbir ta' modi. Bla għadd huma dawk li jistgħu jservu għalina ta' mudell. Fosthom naraw tispikka lill-Imqaddsa Verġni Marija. Marija hija l-akbar missjunarja tas-Saltna t'Alla u l-aqwa mudell għal min ikun irid jaħdem għaliha. Kienet hi l-ewwel persuna li emmnet fi Kristu, l-Iben t'Alla, kienet Hi li ħaddnitu u ġabitu lilna fid-dinja, kienet Hi li ħaditu għall-ewwel missjoni tiegħu sabiex iqaddes lil Ġwanni fi ħdan Eliżabetta, kienet Hi minn ta' l-ewwel li għenitu fil-ħajja pubblika tiegħu, kienet Hi li assistietu fuq il-Kalvarju fis-Sagrifiċċju tiegħu għall-Umanità, kienet Hi li mliet bil-kuraġġ lill-appostli li fil-bidu tal-ħidma tagħhom għat-tixrid tat-tagħlim tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. U għad li hija llum tinsab tgawdi fis-sema l-frott tal-ħidma tagħha fuq l-art, hija għadha u tibqa' dejjem dik il-kewkba li tmexxi lil dawk li jwasslu l-Aħbar it-Tajba lill-bnedmin, hija tibqa' dejjem dik l-omm li tgħin fit-twelid u fit-tagħlim tal-fidili, tkompli ssaħħaħ il-fidi tagħhom u tkun għalihom ta' Kenn u konsolazzjoni fid-diffikultajiet u l-persekuzzjonijiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom.*

*Iżda biex niksbu din l-għajnuna jeħtieġ li nirrikorru lejHa, nuru l-fiduċja tagħna fiHa billi nitolbuHa u nitolbuHa ta' spiss: "Qaddisa Marija Omm Alla, itlob għalina midinbin". Żgur li l-aqwa u l-eħfef talba għal kulħadd hija dik it-talba li ġewwa Fatima riedet li jkun it-titlu tagħha, ir-Rużarju. U biex permezz tiegħu aħna niksbu qawwa missjunarja u s-Saltna t'Alla tinfirex kullimkien, jeħtieġ li ma ngħiduhx fix-xahar ta' Ottubru biss, ix-xahar imsejjaħ tar-Rużarju, iu li fih isir ukoll talb speċjali għall-Missjoni, imma fil-jiem kollha tas-sena u ngħiduh bid-devozzjoni u l-meditazzjoni li tisthoqqlu.*

*B'dan il mod inkunu qegħdin nitolbu għal kulħadd, u barra li aħna stess nikbru fl-imħabba t'Alla, inkunu nservu wkoll ta' strument u ta' għajnuna ħalli anke l-bnedmin l-oħra jsiru jħobbuH bħalna.*

# INNOLOĠIJA MARJANA

Mill-
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

## (22a) Il-Madonna fil-Poeżija Maltija sa Tmiem is-Seklu Dsatax

Nittawlu fil-qasam ta' l-istorja tal-Letteratura Maltija, mhux mingħajr tixjira biża', għaliex hawnhekk ħafna huma d-diffikultajiet u ftit wisq il-gwidi li jistgħu jmexxuna. Tabilħaqq li hemm ħafna materjal siewi dwar il-Letteratura Maltija, ippubblikat f'xi rivisti jew miġbur f'antoloġiji ta' proża u ta' poeżija, bħal per eżempju, bijografiji ta' kittieba tal-Malti, introduzzjonijiet u kummenti dwar ix-xogħlijiet tagħhom, eċċ.; iżda għadu ma ġiex f'idejna ktieb miktub f'ilsienna, li tista' tqisu bħal storja tal-Letteratura Maltija, imqassma b'ordni kronoloġiku u li tiġbor fiha, għallinqas it-tagħrif essenzjali dwar il-produzzjoni letterarja kollha ta' pajjiżna sa miżżminijiet l-iktar imbegħda.

Il-ħsieb tagħna huwa li nitkellmu biss dwar il-poeżija marjana u bil-għan li nevitaw omissjonijiet li jistgħu joffendu lil xi ħadd, kif ukoll biex ma nieħdux wisq fittul, ser inħallu barra apposta, il-poeti kollha li għadhom ħajjin u nillimitaw ruħna biss għal dawk li mietu u li x-xogħlijiet stampati tagħhom ġew f'idejna.

### L-EWWEL PASSI

Forsi l-aħjar mod kif nidħlu għas-suġġett tagħna, huwa li nikkwotaw dak li jgħidilna dwar il-bidu tal-poeżija Maltija, il-magħruf poeta nazzjonali Dun Karm Psaila, fit-"Taħdita fuq il-Poeżija Maltija", (ĠUŻÈ AQUILINA, "Antoloġija ta' Proża Maltija" I Vol. paġ. 92): "Qabel dan iż-żmien li semmejna, jiġifieri l-ewwel għoxrin sena tas-Seklu Dsatax, ma kienx hawn poeżija Maltija miktuba u stampata; biss kienu jinstemgħu xi għanjiet maħdumin, imqabblin mill-poplu, li xi rġiel u xi nisa kienu jgħannuhom mal-kitarra jew ma' xi orgni ta' l idejn fix-xtut tal-baħar u f'xi festi popolari bħal nhar Lapsi. Għanjiet ta' mħabba wkoll kienu jgħannu ż-żgħażagħ fil-beraħ tarraba', fit-triqat jew fid-djar waqt id-deffa tax-xogħol."

Dun Karm isemmi bħala "eċċezzjoni waħda" l-odi jew għanja qasira f'ġieh il-Gran Mastru Nikola Cottoner, ta' Ġann Franġisk Bonamico (1639-1680). Magħha forsi nistgħu nżidu eċċezzjonijiet oħra bħal versi ta' Pietro Caxaro ta' madwar nofs is-seklu ħmistax (OLIVER FRIGGERI, "Il-Ktieb tal-Poeżija Maltija" I Vol. paġ. 39, 167), iż-żewġ kurunelli f'ġieh San Mikiel u Sant'Anna, miktubin fl-1730 u fl-1741 (G. CASSAR PULLICINO, "Kitba w Kitbiet tal-Malti". L-ewwel ktieb p. 14), is-sunett tal-Kanonku Agius De Soldanis tal-1758 (G. Cassar Pullicino, op. cit. 75), il-versi ta' Dun Feliċ Demarco miktubin fl-1760 (G. Cassar Pullicino, op. cit. p. 91). Minn dawn kollha tinteressana biss il-kurunella lil Sant'Anna peress li fiha xi riferenzi għall-Madonna.

### TALB F'SURA TA' POEŻIJA

Rigward il-poeżija reliġjuża miktuba bil-Malti, nistgħu ngħidu li għalkemm l-eqdem fdalijiet tagħha li nafu bihom fi żgur huma dawk tas-seklu tmintax, iżda m'hemmx dubju li hija kienet teżisti ferm qabel. Tabilħaqq li fil-bidu tagħha din il-poeżija ma kenitx ta' livell għoli, u kienet tikkonsisti aktarx f'talb jew kurunelli, li jingħadu jew jitkantaw b'xi ritmu jew taqbil.

Ġużè Cassar Pullicino, (Kitba w Kittieba tal-Malti; L-ewwel Ktieb, p. 15) jiddistingwi żewġ għamliet ta' dan it-talb u jagħtina eżempju ta' kull waħda minnhom: "Hemm f'kull pajjiż, żewġ xorta ta' talb: it talb popolari li n-nies twajba ġie li jsawru huma nfushom u mbagħad igħadduh lil ta' warajhom...hemm talb ieħor li jinkiteb jew jingħad l-ewwel darba mill-qassis jew mill-bniedem ta' l-iskola għall-ġid ta' l-erwieħ it-twajba". Il-poeżija reliġjuża wkoll tista' tkun dik popolari li toħroġ mill-fantasija u mill-qalb tal-poplu nisrani, u dik li jkun fiha kontenut jew messaġġ

teologiku iktar għoli u tkun xogħol ta' xi membru tal-Kleru jew nies oħra ta' ċerta kultura.

Eżempju tal-poeżija tradizzjonali tal-poplu Malti, b'suġġett reliġjuż huma l-versi jew taqbil li l-antiki tagħna kienu jirreċitaw f'okkażjonijiet diversi, bħal ma huwa t-tħannin, jew strofi li kienu jgħannu n-nanniet jew l-ommijiet biex iraqqdu lit-trabi żgħar. F'dan it-tħannin (ara dak miġbur minn Ġ. Cassar Pullicino "Kitba w Kittieba bil-Malti", It-Tieni Ktieb, l-ewwel taqsima p. 13), l-omm u t-tarbija tagħha huma mxebbhin mal-Madonna u Binha Ġesù.

Imbagħad bħala eżempju tal-aħħar għamla ta' poeżija reliġjuża bil-Malti, Cassar Pullicino jsemmilna żewġ kurunelli miktubin minn Dun Franġisk WZZINO, li kien konfessur ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan. Dawn il-kurunelli jinsabu f'manuskritt tal-Bibljoteka, Nru. 23 fit-tlettax-il volum ta' li "**Stromata Melitensium**" li kien ġabar Ignazio Saverio Mifsud. ("Kitba w Kittieba tal-Malti", L-ewwel ktieb, p. 14). Ser inġibu xi siltiet żgħar mill-kurunella lil Sant'Anna fejn tissemma l-Verġni Marija:

"Sant'Anna, Omm Marija
Itlob lil Bintek għalija.
Sant'Anna lil Marija b'ħalibek reddajtha
B'qalbek ħabbejtha.
Sant'Anna ferħana fl-agunija
Għax f'idejn Bintek Marija.
Bil-qalb inħobbuk o Sant'Anna
Marija ssejjaħlek Matri, Ġesù jsejjaħlek Nanna."

## POETI TAS-SEKLU DSATAX

Bħala poeti bikrin tas-seklu dsatax, Mons. Psaila, fit-taħdita li għaliha għamilna riferenza fil-bidu, (G. Aquilina, "Antologija ta' Proza Maltija" I vol., pp. 96-104), isemmilna erba': Il-Kanonku Ludoviku Mifsud Tommasi, li huwa jsejjaħlu "iċ-Chaucer tal-Letteratura Maltija", il-Professur Gian Anton Vassallo (1817-1867), Dwardu Cachia (1853-1907), u l-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927). Minn dawn l-erba' poeti, ġiet f'idejna poeżija marjana, kemm minn ta' l-ewwel tnejn kif ukoll minn ta' l-aħħar wieħed imsemmi,; ngħidu għalhekk xi ħaġa dwarhom u magħhom inżidu anke lil Patri Indrì Schembri.

Il-Kanonku **Ludovik Mifsud Tommasi** twieled f'Bormla madwar is-sena 1795. Laħaq saċerdot kif ukoll kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla u iktar tard Monsinjur tal-Katidral. Barra milli għallem fis-Seminarju ta' l-Imdina u wara f'dak ta' San Kalċidonju tal-Furjana, Mifsud Tommasi fl-1834 fetaħ skola fil-Belt Valletta għat-tagħlim tal-Filosofija, Letteratura u lingwi. Kiteb mhux biss poeżiji bit-Taljan, kif kienet moda fi żmienu, iżda wkoll bi Isienna. Beda jistampa kurunelli bil-Malti sa mis-sena 1835. Hu kien iħallas għalihom minn butu u mbagħad iqassamhom lin-nies, aktarx b'xejn. (G. Cassar Pullicino, "Kitba w Kitbiet" II ktieb, I Taqsima, p. 47). Fl-1853, ippubblika l-ktieb "**L-Inni Mqaddsa**" u kellu lest ktieb ieħor li baqa' ma stampahx, "**L-Għana tan-Nisrani**".



**Rev. Dr. Ludovico Mifsud Tommasi**

Kompla jippubblika l-poeżiji tiegħu fil-"Ħabbâr Malti" sal-1878, għad li kien għama fi xjuħitu. Miet fl-Imdina fit-23 t'Ottubru 1879. Ġużè Cassar Pullicino, fl-ewwel taqsima tat-tieni ktieb, li kkwotajna ħafna drabi (pp. 68-72) jagħtina lista ta' kurunelli miktuba mill-Kanonku Mifsud

Tommasi. Minn dawn hemm iktar minn għaxra ddedikati lill-Verġni Marija, taħt id-diversi titli li bihom hija meqjuma. Fosthom hemm waħda lil Sidtna Marija Verġni mweġġgħa fid-Dar tagħha ta' Loretu, titular tal-parroċċa ta' Għajnsielem fil-gżira t'Għawdex (1872).

**Ġananton Vassallo** twieled il-Belt Valletta, fis-6 ta' Ġunju 1817. Il-ġenituri tiegħu kienu Vincenzo u Marija Vassallo. Bħala għalliema kellu lil Dun Pietru Pawl Psaila, u Dun Ġużepp Zammit Brighella. Kien jaf jitkellem u jikteb b'diversi ilsna fosthom it-Taljan, il-Franċiż, u l-Għarbi. Ħa l-lawrja ta' Avukat mill-Università ta' Malta fejn kien għamel il-kors tal-Liġi u temmu fl-1842. Għamel xi xhur imsiefer fl-Eġittu. Ġie maħtur surmast tat-Taljan fil-Liċeo fl-1850 u tlettax-il sena wara ħa l-kattedra tal-istess lingwa fl-Università.



Ġananton Vassallo

Beda jikteb poeżiji bil-Malti fl-1842. Bħala xogħlijiet ta' proża bit-Taljan u bil-Malti, jittratta dwar l-istorja ta' Art Twelidu u dwar l-istorja Sagra tar-Rabta l-Ġdida. Miet fit-28 ta' Marzu 1868 u difnuh fil-Knisja tal-Karmnu. Huwa l-aqwa poeta liriku Malti ta' żmienu, iżda huwa magħruf ħafna wkoll għall-poema epiku "**Il-Ġifen Tork**" miktub fl-1842 u ppubblikat fl-1852. (G. AQUILINA, "Il-Muża Maltija", 4 ediz., p. 13).

Dan il-poema jirrakkonta l-ġrajja ta' meta xi lsiera Maltin li kienu qaddiefa fuq xini torka rnexxielhom jaħarbu, wara li għamlu wegħda lill-Madonna tal-Mellieħa u kif bl-ikbar qima, wettqu l-wegħda tagħhom. Minn din il-poeżija nisiltu t-talba ta' l-ilsiera lill-Madonna:

"Ja Madonna tal-Mellieħa,
Isma' t-talb ta' l-imjassrin!
Li neħilsu minn dal-jasar
Itlob 'l Ibnek il-Ħanin!
  Agħmel int, għall-ħniena tiegħek,
  L'aħna nibqgħu rebbeħin!
    Ħadd għalxejn Lilek ma talab,
    Ġmiel u hena tas-smewwiet!
    Quddiem Alla, ja Marija,
    Kelma tiegħek dejjem swiet.
      Lil min b'qalbu talab Lilek
      It-thennija dejjem ġiet.

Int reġġgħana ġewwa Malta,
Bint Sant'Anna, u Omm Ħanina!
Biex inkissru dawn il-ktajjen
Saħħa, qalb u qawwa tina!
  Biex neħilsu minn dal-jasar
  Inti biss trid tkun għalina!
    Il-ħalib tal-ħniena tiegħek
    Dejjem xtered għall-miskin
    Qatra minnu biss jixtiequ
    Fuq irjushom l-imjassrin!
      Qatra minnu tkun biżżejjed
      Biex inkunu meħlusin"!"

**Indrì Schembri** twieled Ħal-Luqa fl-1 ta' Settembru 1805. Ġie ordnat saċerdot fl-1839 u wara mar jistudja Ruma u sar Ġiżwita. Mill-1845 sal-1852 kien igħallem fil-kulleġġ li l-Ġiżwiti kienu fetħu fl-Imdina. Imbagħad siefer lejn l-Alġier biex iwettaq xogħol pastorali fost l-emigranti Maltin ta' dik il-belt. Kiteb innijiet u poeżiji bil-Malti biex igħin lil ħutu l-Maltin iżommu l-ħeġġa ta' twemminhom nisrani. Fl-1864 ippubblika dawn il-versi fi ktieb li jġib l-isem "**Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes li jingħad mill-Maltin ta' l-Alġier**". Il-poeżiji tiegħu jixbhu ħafna lil dawk ta' Mifsud Tommasi u bħalhom għandhom

*ikompli f'paġna 119*

# It-Twelid tal-Madonna fil-Liturġija

*Mill*-KAN. DUN NIKOL VELLA APAP

Waħda mill-festi kbar tal-Madonna hija tat-Twelid Tagħha, li l-Knisja tiċċelebra fit-8 ta' Settembru.

Ir-raġuni għaliex il-Knisja tiċċelebra din il-festa tat-Twelid fit-8 ta' Settembru wieħed assoltament ma jafx. Il-bidu tagħha bħall-festi l-kbar Marjani nsibuh fil-Lvant, probabbli fil-Palestina, u forsi f'Ġerusalemm.

It-Twelid u l-ħajja tal-Madonna mħollijin mill-Vanġeli ħallew nies ħerqana biex ikunu jafu aktar dwar il-Madonna. Biex wieħed isewwi dan in-nuqqas twieldu ħafna Apokrifi differenti, l-iktar li tispikka għal xi żmien u ta' importanza huwa l-magħruf ProtoVanġelu ta' San Ġakbu għall-aħħar tat-tieni seklu. Imma fi żmien Santu Wistin, żgur li ma kenitx teżisti l-festa liturġika u partikulari tat-Twelid tal-Madonna (Sermo 292, de Sanctis: PL. 38, (320).

Ftit wara l-Konċilju ta' Efesu (431) u ta' Kalċedonja (451) ix-xbieha ta' "Deipara" (Omm Alla) dehret quddiem il-Knisja fil-kobor tagħha, u ġiet mal-festi Marjani Maġġuri anki dik tat-Twelid Tagħha.[1]

Id-diċitura "Tal-Martiroloġju Ġeronimjan" "Nativitas S. Mariae, Matris Dei" juri biċ-ċar il-kobor tar-raġuni teoloġika ta' din iċ-ċelebrazzjoni. Ħafna priedki patristiċi fl-ewwel post l-Orjentali jfaħħru t-Twelid tal-Madonna (iżda mhux kollha huma awtentiċi). Hekk San Proklu ta' Ġerusalemm (m. fl-447) PG. 65, 680sgg) u Romano l-Melode, minn fost il-poeti kbar liturġiċi-Bizantini (ca. 560) ifissirha b'versi skond il-Protovanġelu ta' Ġakbu (J.B. Pitra, Analecta Sacra, I, Venezja 1876). Għal S. Andrea ta' Kreta (740) il-festa tat-Twelid tal-Madonna hija ta' tradizzjoni qadima (ara L-4 Sermoni għal din il-festa. PG. 97, 805-82).[2]



**Zuccari: It-Twelid tal-Verġni Marija. Fil-Knisja tal-"Madonna del Piano", Capramica**

Il-festa tat-Twelid tal-B.V. Marija bdiet fil-Lvant u b'ħafna probabilità f'Ġerusalemm lejn is-seklu V fejn dejjem kienet ħajja t-tradizzjoni tad-Dar fejn twieldet il-Verġni Marija. Il-festa bdiet probabilment bit-twaqqif ta' knisja lil Marija ħdejn il-pixxina Probatika fejn it-tradizzjoni tingabar mas-Santwarju tal-lum ta' Sant'Anna.[3]

Il-festa tat-Twelid tal-Madonna nibtet fl-Orjent. Il-Papa Sergio (687) isemmiha fost l-erba' festi ta' l-Imqaddsa Verġni Marija u li kienet teżisti fi żmienu u li l-Imperatur Mawrizju (582-602) kitibha ma' dik ta' l-Annunzazzjoni, Purifikazzjoni, u l-Assunzjoni. San Bonifaċju daħħalha fil-Ġermanja.[4]

L-iktar dokumenti qodma li jfakkru din il-festa jiġu mis-seklu VI. San Romanu l-Kbir liriku ekkleżjastiku tal-Knisja Griega, kiteb innu (Card. Pitra "Hymnog. Graeca. Paris 1876, 199) poetiku tal-vanġelu apokrifu ta' S. Ġakbu. S. Romanu kien minn Emesa fis-Sirja, djaknu ta' Berytus, u wara fil-knisja Blachunae f'Konstantinopli. Dan l-innu kien kitbu bejn is-snin 536-556 (P. Maas f' "Byzant. Zeitschrift", 1906).

Il-festa setgħet oriġinat ruħha x'imkien fis-Sirja jew il-Palestina fil-bidu tas-seklu VI fejn wara l-Konċilju ta' Efesu, taħt l-influwenza ta' "Apocrypha", il-kult lejn Omm Alla kien ħafna mifrux l-iktar fis-Sirja.[5]

F'Ruma, il-festa daħlet lejn nofs is-seklu VII, bil-festa tal-Purifikazzjoni, Annunzjazzjoni, u Assunzjoni ta' Marija, bil-ħidma tal-Monaċi Orjentali li f'din l-epoka emigraw fi gruppi minn artijiet tal-Lvant minħabba l-ħakma Mawmettana.[6]

Fi Franza nsibu mniżżla fil-kalendarju ta' Sonnatius, Isqof ta' Reims (614-631). F'Ruma, is-Sacramentarju Ġelasjan (II, 54, ed. Mohlberg nn. 1016-1019) iġib tliet talbiet tal-quddiesa. Il-"Liber Pontificalis" (ed. Duchesne, I, 376), f'nofs is-seklu VII jikkonsidraha diġà teżisti.[7]

Bħala test tal-vanġelu sar ġeneralment il-ġrajja tal-Viżitazzjoni (Lc. I, 39-47), mgħejjun wara bil-ġeneoloġija ta' Mt. I, 1.16. Il-lezzjoni tbiddlet ħafna sa S. Piju V. It-tixrid tal-festa mexa bil-mod u mhux kullimkien l-istess. Fil-Martiroloġju daħlet dritt. Isemmiha Beda fil-Martyr. Poeticum u dak Storiku (PL. 94, 605, 1037). Adone fil-"Libellus de Festivitatibus SS. Apostolorum (PL. 123, 201-202), Usuardu fil-Martiroloġju tiegħu li huwa bażi ta' dak Ruman (Acta SS. Junii, Anversa 1715, p. 486). Fil-Can. 20 tal-Konċilju ta' Reims, taħt Sonnazio (630) it-Twelid tal-Madonna huwa mniżżel bħala jum ta' festa. (Mansi, X, p. 599), hekk ukoll fis-Sinodu ta' Reisbach-Frisinga (791). Can. 10; Hefelc-Leclerq, III, p. (107); waqt li tonqos fl-elenku tal-jiem ta' S. Bonifaċju, u fil-Konċilju l-Kbir tar-riforma ta' Magonza, tas-sena 813. Anki Amalario, fil-kitbiet tiegħu numerużi ma jsemmi xejn.[8]

Sant'Andrea ta' Kreta fil-bidu tas-seklu VIII ippriedka ħafna Omeliji fuq din il-festa (Lucius-Anrich, "Anfange des Heiligenkultus, Tubigen. 1906, 468). Ma hemmx provi għaliex ġiet magħżula t-8 ta' Settembru bħala data. Il-Knisja ta' Ruma bdiet tużaha għas-seklu VII u oriġinata mil-Lvant.[9]

Sergio I (687-701) għamel il-litanija u l-purċissjoni għal din il-festa (PL. CXXVIII. 897 sqq.).

Billi l-ġrajja tat-Twelid hija magħrufa biss mill-għejjun Apokrifi, il-Knisja Latina mxiet bil-mod biex taċċetta din il-festa Orjentali. Hija ma tidhirx f'ħafna kalendarji li fihom il-festa ta' l-Assunzjoni e.g. il-Gotiku, dak ta' Luxenil, il-kalendarju Toledan tas-sekli X, u l-kalendarju Mozarabiku. Il-Knisja ta' Angers fi Franza tgħid li S. Mawrilju waqqaf il-festa f'Angers f'konsegwenza ta' rivelazzjoni madwar is-sena 430. Fil-lejl tat-8 ta' Settembru raġel sema' l-Anġli jkantaw fis-sema u meta staqsa r-raġuni huma qalulu li qegħdin jifirħu għaliex twieldet il-Madonna f'dak il-lejl. Imma din it-tradizzjoni mhix imsaħħa bi provi storiċi.[10]

Mis-seklu XI din il-festa bdiet tikseb dejjem importanza, hekk li kellha "Ottava". Din ġiet imwaqqfa mill-Papa Innoċenzju IV fl-1243 fuq vot li għamlu l-Kardinali fil-Konklavi tal-1241 meta għal tliet xhur il-Kardinali eletturi ġew mixħuta l-ħabs u miżmuma priġunieri minn Federiku II. Il-Papa Girgor XI fl-1378 għamel il-vġili lil din il-festa u ftit wara ċ-ċelebrazzjoni tagħha ghamilha solenni.[11]

F'Ruma, il-festa tat-Twelid tal-Madonna baqgħet solenni ħafna sa nofs is-seklu XIII (Ordo rom. XI, ta' Beneditt, Kanonku. PL. 78. 1052), u l-quddiesa Solenni Papali kienet tiġi ċċelebrata f'S. Adriano; fl-Ordo Rom. XIV, hija qalb il-festi li jeskludi l-Konċistorju (ibid. 1230).

Pietru Amelio (Ordo Rom. XV, Kap. 126, ibid. 1344-45) jinnota wkoll il-vġili. Imma fiż-żminijiet imqallba ta' Avignone, iċ-ċelebrazzjoni Papali spiċċat.

Sistu V li reġa' ordna l-kappelli Papali waqqaf waħda għat-8 ta' Settembru, fil-knisja ta' S. Maria del Popolo li damet sa mewtu (1590).

Alessandru VIII (li l-familja tiegħu kellha f'dik il-knisja l-kappella bil-qabar), reġa' waqqafha wara li spiċċat il-festa tal-1665 u nżammet sal-1870.

Fil-Knisja ta' S. Maria in Via f'dan il-jum kien jitqassam l-ilma frisk minn bir li skond it-tradizzjoni dehret tgħum ix-xbieha tal-Madonna fejn hemmhekk kienet meqjuma.[12]

Ta' min jinnota li l-lezzjoni tat-Tieni Notturn li tinsab fil-Brevjar hija ta' Santu Wistin (Sermo 18 de Sanctis) minflok ta' l-Abbati Antperto Ambrogio (c. 787; cfr. Enc. Catt. Vol. 2. Coll. p. 499-500).

Il-Papa Piju X għamel il-festa Sempliċi, bit-trasferiment tal-festa tad-Duluri fil-15 ta' Settembru.[13]

Il-Kopti fl-Eġittu u l-Abbissini jiċċelebraw it-Twelid ta' Marija fl-1 ta' Mejju u jkomplu l-festa taħt l-isem ta' "Iż-Żerriegħa ta' Ġakobb" għal 33 jum. (Anal. Juris Pont. XXI. 403). Huma wkoll jagħmlu t-tifkira fl-1 ta' kull xahar. Il-Kopti Kattoliċi adottaw il-festa Griega, imma jżommuha fl-10 ta' Settembru (Nilles, "Kalman", II, 696, 706).[14]

Ir-riforma l-ġdida fil-Kalendarju wara l-Konċilju Vatikan II tiddistingwi ruħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-Qaddisin fi tliet gradi. Solennità, Festa, u Tifkira Obbligatorja jew Fakoltattiva.

Qabel ir-Riforma, iċ-Ċelebrazzjoni tal-Qaddisin kienet tingħażel bil-kelma "Klassi", espressjoni li għalkemm hija ċara kienet ħafna sekulariska.

Il-lum fil-Kalendarju, it-8 ta' Settembru "It-Twelid ta' l-Imqaddsa Verġni Marija" hija magħduda bħala "Festa" u waħda mit-23 festi bid-data fissa.[15]

**RIFERENZI:**


1. Enciclopedia Cattolica Vol. VIII Mara-NZ. pp. 1678, 79, 90.
2. L-istess.
3. Stefano De Fiores e Salvatore Meo. Nuovo Dizionario di Mariologia, p. 1013.
4. Dom Prospero Gueranger. L'Anno Liturgico Vol. 2 p. 1059.
5. The Catholic Encyclopedia. Vol. 10. Mass-Nuereman. pp. 712, 713.
6. Enciclopedia Cattolica Vol. VIII. Mara-NZ. pp. 1678-1679, 1680.
7. Stefano de Fiores e Salvatóre Meo. Nuovo Dizionario di Mariologia, p. 1014.
8. Enciclopedia Cattolica Vol. VIII. Mara-NZ. pp. 1678, 1679, 1680.
9. The Catholic Encyclopedia Vol. 10. etc.
10. L-istess.
11. Stefano de Fiores e Salvatore Meo. Nuovo Dizionario di Mariologia. p. 1014.
12. Enciclopedia Cattolica Vol. VIII.
13. L-istess.
14. The Catholic Encyclopedia Vol. VIII.
15. P. Giuseppe Montipime. Compendio del Nuovo Ordinamento Liturgico Conforme alle Norme del Concilio Vaticano II, p. 59.


## INNOLOĠIJA MARJANA

*jaqbaq minn paġna 116*

skop reliġjuż. Patri Schembri miet fis-26 tab Settembru 1872. Barra mit-traduzzjoni tal-"Ave Maris Stella", u l-għanja popolari tal-Milied "Ninni, ninni, la tibkix iżjed", Indrì Schembri kiteb diversi poeżiji marjani oriġinali. Din is-silta li ġejja, hija meħuda mill-poeżija "**Tifħir lill-Madonna**" (G. Cassar Pullicino, op. cit., it-tieni ktieb, l-ewwel taqsima, pp. 63-66):

"Tant tixraqlek u toqgħodlok,
O Marija, din iż-żina,
Għaliex inti l-Omm minn t'Alla,
Għaliex int l-isbaħ Reġina.
  Għaliex Inti l-aktar pura;
  Għaliex Int l-omm tad-duluri;
  Għaliex l-akbar qaddisa;
  Jixirqulek dawn il-fjuri.
Int żejjinha l-qalb minn tagħna,
O Marija, bil-qdusija,
Hekk kif aħna nżejnu lilek,
B'dawn il-fjur, o Marija.



# *TAMA u FARAĠ*

*Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani*

## Żmien li Tiżra' u Żmien li Taħsad

Darba wieħed raġel staqsa lil wieħed bidwi xi jħobb l-iktar jekk hux li jiżra' inkella jaħsad. Dak wieġbu bla tlaqliq li jobgħod jagħmilhom it-tnejn. Qallu wkoll għaliex jobgħodhom it-tnejn. Kemm biex tiżra' u kemm biex taħsad trid tbati.

Kemm biex tiżra' u kemm biex taħsad hu iebes imma jekk ma tiżrax ma taħsadx u jekk ma taħsadx ma tiekolx, għax ma ssib xejn maħżun. Il-ħsad hu żmien meħtieġ għall-bniedem u f'ħafna kulturi u anke festi ta' reliġjonijiet diversi jeżistu sa minn żmien antik ċelebrazzjonijiet ta' ferħ u ta' radd il-ħajr lil Sid il-ħolqien għall-wiċċ tar-raba'. Anke fil-Kotba Mqaddsa niltaqgħu ma' liġijiet u festi marbuta mal-ħsad. Insibu lill-istess Kristu jitla' t-tempju għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Għalkemm il-bidwi ta' l-istorja tagħna qal li jobgħod jaħsad imma żmien il-ħsad hu żmien ta' ferħ għaliex dan qisu l-premju ta' kemm wieħed ikun bata biex irnexxielu jiġbor il-wiċċ.

Dan kollu nistgħu nxebbhuh mal-ħajja tagħna għaliex bħal żerriegħa li ġiet miżrugħa trid tinħasad meta jasal żmienha iżda hemm ukoll żmien ta' stennija biex dak li inżera' JIKBER u mbagħad jinħasad. Ħa nerġa niġi għall-istorja li bdejt biha għax għadni ma rrakkontajthiex kollha. Il-bidwi li kien jobgħod jiżra' u jaħsad qal lil min kien staqsieh: taf x'messek staqsejtni wkoll? Ma' dawn iż-żewġ ħaġiet jekk inħobbx inkabbar dak li żrajt biex hekk naħsdu. Iżda ħa nerġa' nwieġbek, kompla l-bidwi, anke din il-ħaġa nobgħod nagħmilha, imma l-aktar li nobgħod minn dawn it-tlieta hu li nkabbar. Tiżra' u Taħsad ma ddumx kieku imma Tkabbar trid tbati u tistenna.

Tkabbar hi li l-iktar tieħu żmien imma din turina wkoll kemm sabiħ u sinjur ser ikun il-ħsad, u niġi għat-tkabbir tal-ħajja tagħna. Anke din trid f'ħafna ċirkustanzi żmien twil u ħafna drabi iebes biex tilħaq il-qofol tagħha. Il-bidwi li jkabbar jara ż-żerriegħa li żera' tinbet flimkien ma' ħafna ħaxix ħażin ieħor. Isaffiha kemm-il darba, jagħżaqha, jisqiha, jikkuraha u din ix-xitla tibda tisbieħ u trabbi r-rimja tal-frotta tagħha. Meta l-frotta tibda tilħaq, ix-xitla tibda tisfar iżda l-bidwi jgħid dalwaqt jasal il-ħsad għax il-għan tiegħu ma kienx li jkollu xtieli sbieħ imma frott sabiħ.

It-tbatija tal-ġisem anke fejn jidħol mard u xjuħija, tnixxef ix-xitla ta' ħajjitna iżda fil-friegħi tagħha toħroġ il-frotta tagħha li għalkemm tinħasad bit-tbatija imma tinġabar bil-hena minn Alla li żera' u ħasad imma ħalla f'idejk stess biex tkabbar il-frotta li ser tgawdi int stess. Min dan nispiċċaw biex ngħidu: Hemm żmien biex tiżra' u ieħor biex taħsad imma issa hu ż-żmien li TKABBAR.

**DUN ĠUŻEPP CINI.**

# Il-Karizma tal-Ġrajja ta' Pinu

*Minn* **DUN MIKIEL ATTARD**

## It-Tieni Parti:

**Bażi Dottrinali tal-"KARIŻMA" tal-"Ġrajja ta' Pinu":**

**Nru. 1 Karmni Grima** ma rat xejn. "**SEMHGET** " il-kliem: "Ejja...etc.

Marija SS., bħal kull persunaġġ Bibbliku qaddis, hi "**Il-Verġni li tisma'** (Marialis Cultus No. 17).

**Nru. 2. Karmni Grima 'obdiet'** b'sens ta' fidi.

**Marija**, bħala 'esperta' fis-smiegħ tal-Kelma t'Alla **tgħallmet 'l-ubbidjenza tal-fidi'** (Rm. 1:5,26). Permezz tal-"**Karizma ta' Pinu**", Marija **tgħallem** lilna wkoll "**Nisimgħuha** u **Nobduha**".

Però, "**Nisimgħuha**" (Il-Kelma t'Alla u l-vuċi tal-Madonna), jekk b'qalb safja u doċilità, inkunu "**aware**" mill-"**arja**" imqanqla u mimlija bil-**Preżenza** speċjali ta' Marija li "**tinħass**" f'ta' Pinu. "**Nisimgħuha**", jekk b'perċezzjoni tal-fidi (**faith vision**) inkunu disposti permezz "**TAT-TALB**" (cfr. I Parti No. 3) għal dak li jrid ighidilna l-Mulej b'vuċi misterjuża (**N.V.C.**), iżda ħierġa intonata b'**akwistika speċjali** mill-Kappella tas-Santwarju; il-**qalb** u **l-fonti** (**għajn**) tal-kumpless kollu ta' Pinu: Muntanja, Museum ta' Karmni Grima, eċċ.

**No. 3** KARMNI GRIMA '**verġni għas-Saltna ta' Alla**", imsaħħa b'**intervent soprannaturali**, konness mal-misteru tal-qawmien u tlugħ fis-Sema ta' Marija (punt eskatoloġiku), **għexet** l-iskop aħħari li, lejh irridu ndawru **kull ħsieb tagħna**, viż. ix-xewqa u l-ħsieb tal-genna; is-**Salvazzjoni ta' dejjem**.

Il-messaġġ prinċipali tal-Vanġelu hu li s-"**Saltna ta' Alla waslet**", u diġà qegħda fostna. Però fi **spirtu ta' indiema u konverżjoni**, qeghdin nistennew il-"Perusia" (avvent kontinwu).

"Crediamo in Dio **che viene**". "**Nistennewk** sa ma tiġi fil-glorja."

Fuq din il-bażi, fit-teoloġija spiritwali, l-**Istorja tas-Salvazzjoni**, kemm dik personali kemm dik kollettiva (tal-umanità) hi deskritta bħala "**tensjoni eskatoloġika**" u mhux "**tensjoni storika**". Dan ifisser li, it-taqlib tal-istorja tad-dinja, is-'**social upheaval', f'kull żmien u post huma ġrajjiet ordinarji u komuni, u allura, mezzi komuni u ordinarji, fil-mixja tagħna** lejn is-sema, pajjiżna. Fl-akkwist tas-salvazzjoni ta' dejjem ma hemmx **differenza sostanzjali** bejn żmien u ieħor u (sa ċertu) punt bejn pajjiż u ieħor.

**No. 4** Fl-aġġornament tal-knisja fi żmienna, mitlub mill-Ispirtu s-Santu, permezz tal-Konċilju Vatikan II, tingħata l-akbar prijorità lit-**Talb Liturġiku u komunitarju**.

**Marija SS.ma** fl-1883 osservat il-**proċess tal-"inkulturazzjoni"**. Għalhekk, b'**lingwaġġ popolari** għal dik l-epoka, talbet lil Karmni Grima tirreċita **b'mod individwali** 3 Ave Maria. Bl-istess **proċess ta' "inkulturazzjoni"**, nistgħu, b'xi mod, **ninterpretaw**, fiż-żmien tagħna fl-1988, li **biex** twassal **IL-MESSAĠĠ GĦAT-TALB** f'Ta' Pinu, il-Madonna kienet tuża xi **lingwaġġ** bħal p.e. "Iċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat" kuljum u b'mod partikulari, is-Solennità tal-Assunzjoni; **waqqfu xi Komunità ta' Talb**; xi Prayer Group, eċċ.

**No. 5** Fl-enċiklika "Redemptoris Mater", il-Papa preżenti jsemmi "**orjentamenti**" pastorali x'jitwettqu matul is-sena Marjana u **biex** jibqgħu bħala frott (monumenti) ta' din l-istess Sena Marjana. Din "**l-animazzjoni**" mill-Papa tista' tintrabat għalllnqas **bl 3 modl** mal-"Karlżma ta' Pinua". Cfr. Bullettin tal-Arċidjoċesi ta' Malta Nru. 56, paġna 45 (c).

"Il-Knisja" — **inkluża dik ta' Għawdex** (Malta) — hi mħeġġa mill-Papa sabiex **TFAKKAR** (Hekku l-orjentament Pontifiċju).

(a) "**f'kull ma hemm fl-imgħoddi**"; mela "**Il-ġrajja ta' Pinu** hi xi ħaġa tal-

imgħoddi, li l-**Papa** jrid li tiġi mfakkra.

(b) "Fl-imgħoddi" **li jagħti xhieda tas-sehem, li Omm Ġesù Kristu tat għall-opra tas-Salvazzjoni fi Kristu l-Mulej**".

Kemm qrar; kemm konverżjonijiet; kemm vokazzjonijiet ġew imsaħħa jew preservati meta mhedda minn xi kriżi; kemm tqarbin; kemm konfort spiritwali u materjali; kemm inspirazzjonijiet; kemm żwiġijiet bdew u kemm familji ġew salvati mit-tifrik; kemm tisħiħ fil-fidi u konverżjonijiet għall-kattoliċiżmu jew għal prattika reliġjuża; kemm fiduċja fit-talb, fil-qawwa tal-Grazzja; kemm progress spiritwali u axxetiku, eċċ; kemm ħidmiet oħra tas-**SALVAZZJONI**, imwettqa fil-kuxjenzi ta' tant pellegrini li jżuru Ta' Pinu; jew li għalihom, bħalma huma ħafna emigranti tagħna, sar talb lil Alla għalihom; jew anke huma stess u oħrajn 'il bogħod minn artna, talbu bl-interċessjoni ta' Pinu.

**Il-Ġrajja ta' Pinu** hi xhieda progressivament ħajja u dinamika tas-sehem li Omm Ġesù **tat** u **qegħda** tagħti għall-opra tas-salvazzjoni minn u fi Kristu Ġesù.

**X'monument ħaj** u **benefiku** tas-Sena Marjana, hekk għażiża għal qalb il-Papa, **kieku**, inħabirku sabiex jinbtu xi "**vokazzjonijiet**" b'Ta' Pinu, jew jittieħdu uffiċjalment xi passi strutturali u organizzattivi biex tinbeda u, bl-għajnuna ta' Alla tkompli **xi komunità** f'ta' Pinu.

(c) "Il-Knisja" — "**Inkluża t'Għawdex (Malta)**" trid ukoll **THEJJJ GĦALL-ĠEJJIENI**, (Hekku animazzjoni oħra Papali). It-triq għal din il-KOOPERAZZJONI (bejn Kristu — Marija — il-Knisja — aħna), għaliex it-tmiem tat-tieni elf sena wara Kristu qed jiftaħ **PROSPETTI ĠODDA**.

* X'inhum dawn il-**prospetti ġodda**? Ma nistgħux nitħgażżnu jew nibqgħu indifferenti u passivi quddiem dan iċ-"**challenge**" Kristjan u Ekkleżjali.

* X'inhi tagħmel il-**Knisja/Għawdxija/Maltija**, speċjalment aħna r-responsabbli u l-oħrajn impenjati fl-apostolat, sabiex "**tithejja**" gal dan il-ġejjieni tat-tielet millenju tal-Kristjaniżmu?

Żminijiet ġodda; kulturi ġodda; sinjali ġodda jitolbu orjentamenti u animazzjoni ġodda.

* Min jaf, l-Ispirtu Qaddis ta' Ġesù bediex "inebbaħna" u "isuqna", sabiex (i) **nistudjaw** "in a prayerful mood", (ii) **niżviluppaw** u (iii) **inwettqu** bil-qawwa tal-grazzja u bl-interċessjoni ta' Marija Assunta u **b'miżuri konkreti**, is-sitt punti (u oħrajn magħhom) li joħorġu mill "Ġrajja ta' Pinu", kif issemmew fl-ewwel parti ta' dawn ir-riflessjonijiet?

Bir-rispett kollu nissottometti dawn il-ħsibijiet lill-Awtorità Ekkleżjastika u nitlob il-koperazzjoni sinċiera u kreativa ta' ħuti s-saċerdoti u tal-lajċi, li jispirahom l-Ispirtu s-Santu, sabiex (i) **jimmeditaw** dawn il-punti, (ii) **jiżviluppawhom** b'aktar dettalji u "jaqsmuhom" b'xi mod mal-poplu ta' Alla f'pajjiżna, (iii) ilkoll "**Nittalbu**" ħafna grazzji, dawl u qawwa mill-Mulej Ġesù.

**U dan kollu** (nirrepeti): **Għall-glorja** ta' Ġesù: Għall-ġieh lil Ommu Marija; **Għal** hena u qdusija personali ta' "dawk kollha" konċernati; **Għas**-servizz tal-vanġelu lil aħwa kollha; u **Għal** qawmien spiritwali ġenwin u stabbli ta' gżiritna.

L-ERBGHA TAR-RMIED.
17 ta' Frar, 1988.

*L-Amministrazzjoni preżenti dejjem hadmet sabiex fis-Santwarju Ta' Pinu tinbena xi kommunità maskili/femminili. Infatti fis-sena 1958, mal-ordinazzjoni tar-Rettur, tqassmet talba bil-ghan li jsir talb sabiex titwaqqaf kommunità jew istitut Klerikali, li l-ghan tieghu jkun li jservi lis-Santwarju u lill-pellegrini li jżuruh. Fis-sena 1970 twaqqfet ukoll il-Pija Unioni Madonna Ta' Pinu bil-ghan li minnha jimbtu xi vokazzjonijiet reliġjużi maskili/femminili. Dan l-ahhar ukoll, bil-bona volontà kollha u kooperazzjoni min-naha tas-Santwarju, sar tentattiv sabiex titwaqqaf komunità ta' Kontemplattivi. Iżda s'issa dejjem irriżulta li, kif juru ċ-ċirkustanzi, ghadu ma wasalx iż-żmien li ssehh din ix-xewqa, ghaliex s'issa l-ebda persuna ma kienet disposta li tkun moghtija totalment ghall-hidma fis-Santwarju.*

*Nittamaw li bit-talb u bil-ghajnuna t'Alla, aktar 'il quddiem, ikun hawn persuni li jkunu bnedmin ta' sagrifiċċju, li jhobbu lill-Madonna, u jridu verament iservu lis-Santwarju.*

# SULTANA TAL-ĦOLQIEN

Minn qabel ma sawwret l-Id t'Alla l-ħolqien
minn qabel ma beda jitkejjel iż-żmien,
u x-xejn kien isaltan fil baħħ mistorjus,
u kien Alla waħdu bla ħlejjaq bla ġnus,
Int waħdek Marija, fil-moħħ tal-Mulej,
diġà kont imfassla mudell ta' li ġej.

Kont miegħu, fi ħsiebu, mill-bidu taż-żmien
kif qabad iħażżeż, jippjanta l-ħolqien,
għaliex tan-natura int kont il-mudell,
is-seħer li mexxa l-id t'Alla l-pinzell.
Minn ġmielek mar żewwaq din l-art tal-bnedmin,
il-baħar, is-sema, il-kwiekeb għoljin.

Id-dinja qawwija li poġġa fix-xemx,
seraqha minn wiċċek li bħalha żgur m'hemmx.
U l-ikħal tal-baħar, u n-nir tas-smewwiet,
f'għajnejk dawn lemaħħom, jilmaw bħal ġawhriet.
Ix-xefaq li jħammar filgħodu nirien,
ix-xefaq li jsaħħar fl-għaxija bl-ilwien,

Minn qalbek silithom Omm tagħna l-bnedmin
bl-imħabba ħuġġieġa għalina imsejknin.
Il-bjuda silġija fuq qċaċet l-għoljiet,
fid-dinja tal-qamar, jilmaw fis-smewwiet,
u s-safa ta' l-ilma, jittajjar fiddien
mill-blat samm u għoli għal ġewwa l-widien,

Xebbahhom ma' ruħek imnissla bla ħtija,
rebbieħa fuq l-għadu f'twelidek Marija,
il-ħlewwa tal-fjuri f'kuluri mżewqin,
fil-ġonna ta' Mejju, bil-balzmu mfewħin,
għalik Alla għamilhom, hekk sbieħ hekk ħelwin
biex ġieħ jagħtu lilek Omm tagħna l-bnedmin

Dak kollu li ħalaq ta' ġmiel u sabiħ,
għalik dan mar jagħmlu, sabiex jagħtik ġieh,
għax lilek ried jagħżlek 'il fuq mill-ħolqien,
bla xebh il-waħdiena, fost kollox, f'kull żmien.
Hu jista' fl-għerf tiegħu, li joħloq smewwiet,
wisq isbaħ wisq akbar, ta' l-oħla ħlewwiet.

Kapaċi li jsawwar dinja ikbar u aħjar,
li jkattar il-ġlejjeb, tal-kwiekeb iż-żgħar,
Hu jista' lill-anġli, iżidilhom fid-dija,
jgħollihom fis-setgħa fil-ġmiel u l-qdusija,
ma le jista' lilek, ftit ieħor jagħtik,
ma' dak li ġà għandek biex aktar jagħnik.
Għax lilek tak kollox, il-milja tal-ġmiel,
li tiegħu il-ħlejjaq, biss għandhom xi ħjiel.

**JOHN CREMONA.**

*Poeżija li ħadet it-Tieni Premju fil-Konkors ta' Poeżija Marjana, imniedi mis-Santwarju ta' Pinu għall-okkażjoni tas-Sena Marjana.*

# SANTWARJI MARJANI F'GĦAWDEX

*Kitba ta' MONS. CARMELO SCICLUNA, Arċipriet tal-Katidral*

## (10) IL-KNISJA TAL-VIŻITAZZJONI JEW TAŻ-ŻEJT

Sa minn żminijiet l-iktar imbiegħda kienet tinsab imxerrda fir-raħal kollu ta' l-Għarb devozzjoni mħeġġa lejn il-misteru taż-Żjara tal-Madonna lil qaribitha Santa Elizabetta u li, għall-grazzji kbar li kienet ixxerred fuq dawk kollha li kienu jitolbu l-għajnuna tagħha, ġiet imsejħa "tal-Virtù".

Il-knisja tal-lum kienet mibnija fuq il-fdalijiet ta' knisja oħra qadima li kienet ġiet meqruda fl-24 ta' Mejju 1657 minn Mons. Isqof Balaguer. Dan l-istess Isqof biex titkompla din id-devozzjoni qadima ta l-permess biex terġa' tinbena l-knisja fis-17 ta' Ġunju, 1663. Fis-sena 1675 beda l-bini li tkompla mill-ġbir li sar mill-poplu kollu ta' dan ir-raħal sakemm spiċċa fis-sena 1678.

Fis-sena 1679 ġie Għawdex biex jagħmel il-viżta flok Mons. Isqof Molina, il-Vigarju tiegħu, il-Kanonku Dun Duvik Fammuncelli, u meta ra l-bogħod li kellu dan il-poplu mill-Knisja Matriċi, illum il-Katidral, talab lil dan l-Isqof biex jagħmilha parroċċa. Dan laqa' t-talba għax b'digriet tiegħu tad-29 ta' Awissu, 1679, din il-Knisja tal-Viżitazzjoni ġiet imwaqqfa parroċċa. Din il-knisja damet parrocca kważi 50 sena sakemm inbniet u tlestiet il-knisja l-oħra, illum Kolleġġjata.

Il Kwadru prinċipali ta' din il-knisja, li juri lill-Madonna ma' l-għarus tagħha San ĠUżepp milqugħa minn Santa Elizabetta u żewġha l-qassis Żakkarija, sar fl-1651 u tħallas minn Vitorja Micallef. It-tradizzjoni tgħid li dan il-kwadru mirakoluż ġie mtella' darbtejn fil-knisja l-ġdida u ta' kull darba jerġa' jinsab waħdu fejn kien qabel fil-knisja l-qadima.



Il-Knisja taż-Żejt fl-Għarb

Din il-knisja tissejjaħ taż-Żejt għax minn taħt iz-zuntier ta' din il-knisja, f'ħofra li sa ftit żmien ilu kienet għadha tidher, kien beda jqattar iż-żejt li l-fidili kienu jieħdu minnu wkoll fid-djar għall-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum. Dan iż-żejt kien iservi ta' mediċina għall-fejqan ta' ħafna mard.

It-tradizzjoni tkompli lgħid li billi wieħed raġel ħa minn dan iż-żejt mhux għall-ħtieġa ta' daru, imma wkoll biex jagħmel negozju minnu, dan qata' għal kollox. Warajh kien beda ġej l-ilma u dam ġej għal bosta snin tant li ħafna mix-xjuħ ta' l-Għarb għadhom jiftakruh tajjeb. Imma billi żewġ familji li kienu jinqdew bih kellhom xi tilwim bejnlethom, l-Ilma waqaf ukoll.

F'din il-knisja, jinsab kwadru ta' l-Annunzjazzjoni tal-Madonna li jingħad li kien l-ewwel titular tal-kappella ta' Pinu, illum Bażilika. Hemm żewġ artali fil-ġnub. Dak tan-naħa tal-lemin hu ddedikat lil Santa Marija Madalena. Dan x'aktarx twaqqaf biex ma tieqafx id-devozzjoni li kien hemm f'dan ir-raħal lejn din il-qaddisa penitenti li kellha wkoll kappella mwaqqfa f'ġiehha bosta snin ilu fl-inħawi tad-Dwejra. Dak tan-naħa tax-xellug imbagħad hu ddedikat lil San Franġisk ta' Assisi.

F'dan is-Santwarju Marjan jinsabu mwaqqfa l-istazzjonijiet tal-"Via Matris" — devozzjoni l-iktar għażiża lejn id-Duluri tal-Verġni Mqaddsa. Fl-Atti tan-Nutar Isidoru Xuereb tas-17 ta' Jannar, 1857, ċertu Ġużeppi Cremona kien ħalla legat perpetwu ta' ħames skudi fis-sena biex issir quddiesa kantata bil-priedka fuq l-artal ta' San Franġisk t'Assisi fil-festa tad-Duluri li taħbat fir-Randan. Illum din il-quddiesa ssir fil-Knisja Kolleġġjata mill-Kwareżimalista tar-Randan.

Ma' din il-knisja nsibu wkoll iċ-ċimiterju tar-raħal li fl-aħħar gwerra ġarrab ħsara kbira meta fil-25 ta' Marzu u fid-29 ta' Lulju, 1942, l-ajruplani Ġermaniżi tefgħu l-balal qalila tagħhom f'dawn l-inħawi. Dan ġie msewwi bil-ġenerożità ta' Marjanna Camenzuli.

Dawn l-aħħar snin, bit-tħabrik tal-Kan. Onor. Pawlu Formosa, saru bosta opri sbieħ, fosthom il-paviment tal-mużajk tal-knisja u s-sagristija, il-gandlieri tal-metall għat-tliet artali u l-irham ta' l-artal maġġur.

Il-Papa Girgor XVI bid-digriet tiegħu tad-29 ta' Lulju 1842, bl-iskop li jkabbar id-devozzjoni u l-qima lejn is-santwarju, kien ta għal dejjem l-Indulġenza Plenarja li tintrebaħ minn lejlet il-festi u l-jum kollu tas-seba' festi prinċipali tal-Madonna li huma: l-Assunzjoni, il-Kunċizzjoni, il-Purifikazzjoni, it-Twelid, l-Annunzjazzjoni, u l-Preżentazzjoni tagħha fit-Tempju, kif ukoll fil-jum li fih issir il-festa esterna tal-Viżitazzjoni tagħha lil Santa Eliżabetta. Din il-festa, b'reskritt tal-Papa Benedittu XV tat-13 ta' Mejju, 1921, kienet issir it-tieni Ħadd ta' San Ġorġ Martri, fil-Belt Vittorja, Ħadd ta' Lulju. Imma llum, billi f'dak il-Ħadd x'aktarx issir il-festa ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Vittorja, il-festa bdiet issir f'xi Ħadd ieħor ta' Lulju.

Qabel ma San Lawrenz inqata' parroċċa għalih fis-sena 1893, fil-jum tal-festa ta' dan il-kbir Martri tal-Knisja, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb, wara li jkun żar il-knisja taż-Żejt, kien jibqa' sejjer f'din il-knisja biex imexxi l-funzjonijiet. Bosta drabi wkoll saru purċissjonijiet votivi biex jinqalgħu xi grazzji speċjali, l-iktar ix-xita, u l-Madonna dejjem semgħet it-talba tad-devoti tagħha f'kull bżonn tagħhom.

Ta' min isemmi li f'din il-knisja jinsab ventartal tal-ġild li sar fis-sena 1640 u hemm impinġi fuqu l-Madonna tgħannaq lil Santa Elizabetta kif ukoll kalċi u pissidi tal-fidda li jgħoddu bosta snin.

Tabilħaqq li dan it-tempju Marjan nistgħu nqisuh u nżommuh bħala wieħed mill-egħżeż Santwarji Marjani ta' gżiritna.

Illum, fiċ-ċimiterju anness ma' din il-Knisja jinsab midfun 'l hekk imsejjaħ Frenċ ta' l-Għarb (Francesco Mercieca) li kien devot kbir tal-Madonna ta' Pinu. Il-fdalijiet ta' dan il-bniedem ta' fama qaddisa qed jiġbdu ħafna pellegrini lejn dan is-Santwarju Marjan.

# IL-BLUHA TAR-RUŻARJU

*Minn* **PATRI WILLIAM AXIAQ, Kapuċċin**

Għalfejn għandna nkomplu ngħidu r-Rużarju weħidna, fil familja, fid djar reliġjużi, fil-parroċċa tagħna? Din mhiex talba li spiċċalha żmienha? X'valur baqagħlha f'dan iż-żmien ta' wara l-Konċilju Vatikan II? Forsi ma fihiex x'tifhem li, fid-dokumenti ta' dan il-Konċilju Ekumeniku, imkien ma jissemma r-Rużarju jekk mhux indirettament (SC n. 13; LG n. 67)? Forsi dan ma jfissirx li n-nisrani tal-lum għandu bżonn ta' talb iżjed adattat għal żminijietna, ta' talb li jirrifletti li ma għadux analfabeta bħan-nies ta' dari, imma sar bniedem ta' skola?

Forsi r-Rużarju mhuwiex talba ta' dawk it-talin li, jekk ma jitgħallmux bl-amment talba standarizzata, tarahom imorru l-baħar, u ma jkunux jafu fejn se jaqbdu jagħtu rashom fejn jidħol it-talb personali tagħhom? Forsi n-nisrani tal-lum ma għandux bżonn talb li iżjed jagħmillu ġieħ bħala bniedem tas-seklu wieħed u għoxrin? Mhux aħjar li n-nisrani tal-lum, minflok ir-Rużarju li ilna għomor inreddnu bih, isib talba oħra mhux daqshekk sempliċi u monotona?

## IL-MENTALITÀ TA' ALLA FIR-RUŻARJU

Dawn il-mistoqsijiet kollha juru x'reazzjonijiet qamu dwar ir-Rużarju. Juru li r-Rużarju ma għadux jikkuntentana fil-ħajja nisranija, xbajna minnu. Hawn insara li ma tantx jimlew rashom bih. Qegħdin jixxenqu għal għamliet, għal forom oħra ta' talb vokali li, minn għalihom, ikunu jirriflettu iżjed it-tieba tal-Poplu ta' Alla lejn il-Verġni Mqaddsa Marija.

Dawn id-diffikultajiet kollha rridu nikkalkulawhom u nagħtu każhom. Għandhom ir-raġunijiet tagħhom, iżda ma rridux ninsew li r-Rużarju jibqa' dejjem talba mill-aqwa fil-ħajja devota tal-poplu nisrani proprju għaliex f'għajnejn ħafna nsara li saru tal-pepe (sofistikati) saħansitra fil-ħajja nisranija tagħhom, din it-talba ma għadha tgħid xejn għalihom. U proprju għaliex hija talba li f'għajnejn dawn it-talin ma tgħid xejn hija talba fl-istess ħin li tgħid ħafna fil-ħajja nisranija għaliex anki żminijietna għandhom "storja mqaddsa".

Mill-Kotba Mqaddsa jidher ċar li dak kollu li huwa mistmerr mill-bnedmin huwa għażiż għal Alla. Alla huwa sempliċi u għalhekk ma tantx nifhmuh. Il-bniedem huwa kkomplikat u jħobb il-komplikazzjonijiet. Alla jħobb l-affarijiet umli u modesti. Il-bniedem iħobb il-ħwejjeġ żul minn hawn, raffinati, igħajtu u straordinarji. 'L Alla jogħġbuh affarijiet kwalunkwe, b'xejn speċjali madwarhom, ordinarji, fqar.

Il-bniedem jinbidel kontinwament. Huwa u jinbidel, l-affarijiet iżjed jitilfilhom is-sempliċità tagħhom. Alla jibqa' dejjem l-istess — sempliċi. Jekk l-affarijiet ma jkollhomx minnu, idejquh, jistmellhom u jwarrabhom daqslikieku xejn.

Ir-Rużarju għadu talba ta' żmienna għar-raġuni li din it-talba marjana hija talba qawwija ħafna proprju, għaliex hija waħda fqira ħafna u b'hekk tirrifletti l-bluha ta' Alla. Ir-Rużarju jiġbor fih dak l-element "paradossali" li bih hija mmarkata waħda sewwa l-Istorja tas-Salvazzjoni. Alla joħloq kollox minn dak li qatt ma eżista, mill-baħħ. Jibni l-istorja tal-fidwa b'nies ċkejknin u mhux ikkalkulati soċjalment: benjamini tal-familja, nisa ħawlija u rġiel xjuħ akka, midinbin, pagani u nies li ma tistenna xejn minnhom soċjalment. Postijiet imwarrba: Nazaret, belt żgħira tal-Galilija mingħajr storja.

Anki fejn jidħlu l-għodod tas-salvazzjoni kollox huwa ordinarju: numru żgħir ta' nies (Dt 7:7), talb u sawm (Mk 9:29), ħames, seba' ħobżiet u ftit ħut żgħir (Mt 14:17; 15:34), saħta ta' salib (Gal 3:13) u qabar battal (Mt 28:6) biex jifdi lill-bniedem.

Ir-Rużarju għandu fih forza fejjieda kbira proprju għaliex huwa talba fqira ħafna. Inti u tgħidu u tispiċċah tħoss li qisek ma għidt xejn.

Jekk l-element ta' faqar ma jiġix imħares saħansitra fit-talb, is-siwi tiegħu ma jibqax mezz ta' salvazzjoni. Isir ħaġa profana,



Il-Madonna f'Lourdes tirrakkomanda t-talba tar-Rużarju Mqaddes

għax ikun neża' mill-bixra bibblika mitluba minnu, biex jibqa' talba ta' fidi pura.

## TALBA FQIRA ĦAFNA

Fir-Rużarju jidher u jinħass ħafna l-element ta' faqar. Huwa talba li ma tridx wisq biex titgħallimha malajr. Huwa talba litanika, allura, ripetittiva, l-aktar fejn jidħlu l-avemarijiet. Huwa talba mfassla dejjem fuq l-istess misteri, dejjem bl-istess kantaliena, qoffa tiela' u oħra nieżla. Huwa talba li taf kif se tibda, kif se tkompli u kif se tispiċċa. Huwa talba magħmula — ngħiduha kif inhi — għal nies fqar, anzi hija t-talba tal-fqar, ta' dawk li ma għandhomx imneħirhom imxammar fl-affarijiet ta' Alla. Huwa talba li fiha ma jidħlux il-preżunzjoni u l-amur proprju, għaliex min igħidha jrid jinqeda b'espressjonijiet magħmula minn ħaddieħor, jiġifieri, mill-Bibbja, mill-Knisja, mit-tradizzjoni. Huwa talba li mhemmx hu fiha. Ma fihx tfittxija personali.

Il-fqar ta' Yahweh, l-"anawim" b'talb fqir kienu mdorrijin jitolbu, talb imneżża' minn kull stil eleganti. Għalhekk kien talb mogħġub quddiem Alla. Fost din il-katego-rija ta' nies, insibu lil Marija u 'l Kristu nnifsu.

Il-Madonna tidher fil-Vanġelu li kienet tħobb it-*talb* ripetittiv. Jekk il-kwadru tal-Lunzjata (Lq 1:26-38) jiġbor fih, skond is-sengħa ta' San Luqa, il-ħajja kollha kemm hi ta' fidi ta' Marija — il-Madonna ma kellhiex taħbira waħda, daqskemm

ħajjitha kollha kienet sensiela waħda ta' taħbiriet — dan ifisser li t-talba li ħarġet minn qalb Marija dak inhar (Lq 1, 38) kienet it-talba li dejjem, u kull ħin kienet fuq xofftejha. Din it-talba saret ir-ritornell ta' ħajjitha: "Hawn jien l-iskjava tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek" (1, 38).

Anki Kristu binha hekk kien iħobb jitlob. It-talba ripetittiva kienet wisq għal qalbu. Barra li kien iħobb jinqeda bil-Ktieb tas-Salmi biex ifisser ruħu f'waqtiet partikolari (Mt 27:46; S 22/21, 1), kien iħobb jitlob ukoll b'talb ripetittiv. Fil-Ġetsemani talab billi rrepeta dejjem l-istess talba: "Missier, jekk jista' jkun biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int" (Mt 26:39; Mk 14:39). Fuq is-salib, irripeta għal bosta drabi t-talba qalbenija: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23, 34).

Barra minn hekk, il-Mulej meta għallem lill-appostli jitolbu, qalilhom: "Meta titolbu, għidu, 'Missier, jitqaddes ismek, tiġi Saltnatek, agħtina kuljum il-ħobżna ta' kull jum u aħfrilna dnibietna, għax aħna wkoll naħfru lil kull min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib'." (Lq 11:2-4). Dan ifisser li l-Imgħallem tana talba u jrid li nirrepetuha dejjem l-istess kull darba li nkunu miġburin f'ismu għal talb komunitarju.

## FIHA L-QAWWA TA' ALLA

Kif igħid id-"Documento di base sul rinnovamento del Rosario" (Bologna, 5-12 Settembru, 1970): "Ir-Rużarju fil-mixja storika tiegħu matul iż-żmien jidher li dejjem żamm xejra qawwija biex ikun u jibqa' talba għal kollox sempliċi: it-talba tal-fqar. Komplikazzjonijiet u żidiet li ppruvaw iżidu miegħu dejjem mietu fuq ommhom. Ir-Rużarju għandu bżonn u jitlob is-sempliċità u l-faqar ta' l-ispirtu fi qlub dawk li disposti li jgħiduh" (n. 15).

Anki l-istess kuruna tar-Rużarju magħmula minn żibeġ tal-ħġieġ jew ta' l-injam tkompli turi l-assolut qawwi tiegħu. Mhux l-ewwel darba li din saret oġġett ta' ridiklu, daħk u żufjett mhux biss minn nies li ma jemmnux imma saħansitra minn dawk li jgħidu b'ħalq daqshekk li jemmnu. Jarawha ħaġa taċ-ċajt toqgħod iżżebbeġ. Forsi jippretendu li r-Rużarju għandhom igħiduh ukoll bil-computer! Jinsew li Kristu feda lill-bniedem b'mezz li f'dawk iż-żminijiet kien meqjus bħala saħta. Qiegħed ngħid għas-salib.

Il-bluha tar-Rużarju tkompli tidher mill-fatt li fl-aħħar tal-ġurnata ndawru qlubna lejn Alla permezz ta' talba li għaddielna ħaddieħor u li hi marbuta ma' ftit ħin. Nikkuntentaw biha biex wara ġurnata stinkar, b'għajnejna tqal bin ngħas; wara jum xogħol bla waqfien, insibu mument li fih niltaqgħu ftit ma' Alla permezz ta' Marija Santissima — itinerarju ta' talb ridott — ħafna drabi fost bosta distrazzjonijiet, mingħajr ma nħossu xejn speċjali, mingħajr ma ninqatgħu mill-art, b'talba oskura, b'vojt interjuri, b'aridità, ħerqana, forsi, li mhemmx li jitfaċċa, fl-aħħar, metodu misterjuż li jisboq lir-Rużarju.

Ġieli ngħiduh biex inkunu għidnih. Ngħiduh alavolja ma jkollniex aptit nagħmlu hekk; alavolja hija talba mneżża' minn kull attrattiva; alavolja ma jissodisfax il-kurżità u l-bżonn li rridu ntaqqlu l-affarijiet biex noħorġu kuntenti, alavolja huwa talba sempliċi wisq, talba ta' kulħadd, talba li rridu ngħiduha bl-istess mod li jgħidha l-fqir u s-sinjur, mingħajr distinzjoni.

Kardinal Basil Hume fi "To Be a Pilgrim" jikteb: "It-talb magħmul lil Sidtna Marija jagħmel parti mill-istint nisrani. Huwa għandu jkun parti mill-istint tagħna. Tkun bluha tittraskura dik it-talba li dejjem ġiet magħmula matul is-sekli li għaddew. Qiegħed ngħid għar-Rużarju Mqaddes. Din it-talba għandha l-attrazzjoni u l-valur proprju tagħha".

Dawn iż-żewġ kwalitajiet (attrazzjoni u valur) jiksbu importanza kbira fid-dawl tal-loġika ta' Alla fil-Pjan tas-Salvazzjoni. Alla jitfa' għajnejh mhux biss fuq nies umli u ċkejknin imma saħansitra fuq mezzi, li għandhom l-istess kwalitajiet. Ir-Rużarju huwa magħdud fosthom. U għalhekk huwa kbir, għaliex jirrifletti mill-bidu sat-tmiem tiegħu l-istil u l-għażliet ta' Alla fil-mod kif is-soltu jirrakkma l-Istorja tal-Fidwa.

Ir-Rużarju ġab ir-rebħiet spiritwali li ġab fl-istorja tal-Knisja, għaliex jiġbor fih il bluha ta' Alla (Imħ 6: 33-40; 7: 1-8; 1 Sam 17: 1-58). Bih Alla bellah u jibqa' jbellah il-għerf tad-dinja.

"Il-bluha ta' Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin" (1 Kor 1, 25).




# Ma' Marija fiż-Żgħożija

*Mill-*

**KAN. JOE MEJLAK**

## FUQ L-EŻEMPJU TA' MARIJA

Marija hija l-Mara li dejjem u f'kollox qalet IVA lil Alla. F'wieħed mid-diskorsi li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel liż-żgħażagħ, qalilhom: "Għeżież żgħażagħ, naf li intom tħobbu ħafna s-slogans. Se nagħtikom programm sempliċi għal ħajjitkom, programm mibni fuq żewġ kelmiet: IVA u LE. Il-programm huwa dan:

* IVA għal Alla, għal Ġesù Kristu, għall-Knisja;
* IVA għall-Fidi u għall-impenji reliġjużi;
* IVA għar-rispett lejn id-dinjità, il-libertà u d-drittijiet tal-bniedem;
* IVA għall-appostolat biex inressqu lill-bniedem lejn Alla;
* IVA għall-ġustizzja, għall-imħabba u għall-paċi;
* IVA għas-solidarjetà ma' kulħadd, l-iktar ma' dawk li l-iżjed għandhom bżonn;
* IVA għall-fiduċja;
* IVA għad-dmir tagħkom li tibnu soċjetà aħjar.

+ LE għall-egoiżmu;
+ LE għall-inġustizzja;
+ LE għall-pjaċiri bla rażan;
+ LE għad-disperazzjoni;
+ LE għall-mibegħda u l-vjolenza;
+ LE għall-ħajja bla Alla;
+ LE għall-ħajja irresponsabbli u ta' nofs kedda.

## "IR-RUŻARJU SALVANI!"

Hekk stqarr il-poeta Kuban JORGE VALLS ARANGO malli neħles mill-ħabs wara 20 sena priġunerija. Huwa qal: "Mingħajr l-għajnuna t'Alla u tal-Verġni Marija, żgur li ma kienx jirnexxili nibqa' ħaj. It-talb u l-meditazzjoni, u fuq kollox ir-Rużarju — dawn kienu li salvawni!" Valls Alango kiteb uħud mill-poeżiji tiegħu fuq biċċiet ta' drapp li ċarrat minn ħwejġu u flok linka, huwa ġie li uża bżieq jew qtar minn demmu stess imħallat mat-trab ta' l-art.

---

**O RUŻARJU MBIEREK** ta' Marija, xi ħlewwa meta nisimgħek tingħad...
...mit-tfal innoċenti;
...mis-saċerdoti qaddisa;
...mill-erwieħ puri;
...miż-żgħażagħ u l-anzjani,
...minn dawk li japprezzaw il-valur tat-talb;
...mill-folol immensi li jżommu r-Rużarju bħala BADGE u STENDARD li jawrura paċi fil-qalb u fost il-ġnus kollha.

(Ġwanni XXIII).

*Mary Ward was born in Yorkshire on 23 January 1585. Countless women all over the world owe much to her. She was a feminist in the best sense of the word - a pioneer, challenging women for all time to reach their potential in doing good and doing it well.*

# a woman without compare



Mary Ward (1585-1645), foundress of the Institute of the Blessed Virgin Mary, was a feminist in the best sense of the word — a pioneer, challenging women for all time to reach their potential in doing good and doing it well.

In 1617 in a convent at Saint-Omer in north-eastern France a community of English-born nuns were being praised for their educational work there, when a listening Jesuit made the unwise observation — 'and when all is done they

are but women'. Little did he expect the spirited response that his remark called forth:

*"For what think you is this word 'but women' - but as if we were in all things inferior to some other creature which I suppose to be man!? There is no such difference between men and women I would to Go that all men understand this verity...and if they would not make us believe we can do nothing and that we are but women, we might do great matters..."*

## Ahead of Her Time

To us in the twentieth century there is nothing novel or surprising about this defence of women. But that a woman, and a nun at that, should even think like this, not to mention speak out like this in the male dominated world of the seventeenth century, is unusual, if not startling. Mary Ward, however, was an unusual woman — 'a woman beyond compare', as Pius XII hailed her in 1951. And it was not only in her outspoken avowal of women's worth, but in her whole life and in the lives of those who followed her, that Mary Ward fulfilled her own prophecy that "women in time would do much".

Her story is a fascinating one. Born in Yorkshire into a prominent recusant family in penal England on 23 January, 1585, she was baptised Joan. Confirmed as Mary, she was always known by this latter name — significant in the context of her lifelong devotion to our Lady. Her childhood was a curious mixture special to the country and the period. At first, one seems to see Mary living the life of any little Catholic girl in a country house, taught her faith and her letters, learning needlework and other accomplishments, walking or riding around the farm, visiting neighbouring families. Yet, in and out of this simple pattern of life was woven the red thread of persecution. Indeed, her own family had a proud history of constancy and courage in the defence of the Faith. In the early days of the Reformation her great-great grandfather, Sir William Mallory stood for days before his parish Church; "to defend it with his life". Her maternal grandmother had suffered fourteen years' imprisonment; the dents of her walking stick witness to her efforts to ward off the rats in her dark prison cell. Her father was one of the many Catholic gentlemen arrested on suspicion immediately after the Gunpowder Plot. Secret Masses, hiding holes, the fear of fines, prison, even the scaffold were part of the world in which Mary lived. For safety she was sent away from her home for long periods to live with her grandmother or with other relatives. This was a great heartbreak for her as she herself says: "I was the eldest child and much loved, especially by my father".

## Convinced about Her Calling

At the age of ten, according to the custom of the time, she was bethrothed to a youth, but he died within a few months. There were many other eligible suitors to follow and in the case of Edmund Neville, heir to the Earldom of Westmorland, great pressure was brought on Mary, by both her confessor and her father to marry this man. They impressed on her the great possibilities that such an alliance might have for the Catholic Church in England. Mary however, was convinced by this time that she had a religious vocation and in spite of all opposition remained steadfast in her resolve.

As all convents in England had been closed under Henry VIII before Mary was born she had to go overseas to become a nun. This she did at the age of twenty-one, entering the cloistered enclosed convent of the Poor Clares in Saint-Omer. A series of divine revelations however led her to discern that her mission in Christ was not to be the traditional conventual one, but that she was called to an active apostolate in the Church. She had the revolutionary idea at the time that women could take vows without living behind bars. She had seen the Jesuits shed the monastic tradition to go out and found schools through which they exercised an effectivee mission for the Church in the society of the day, hungry for knowledge.

## Why Not Women?

To Mary Ward in the seventeenth century it seemed obvious. What men

could do women could do. She had reckoned, however, without the tenacious conservatism of ecclesiastical officialdom. When Saint Ignatius had conceived such a plan for his Society it was revolutionary enough for men. But here was a woman challenging the existing system. For a time her work flourished, schools were opened in Saint-Omer, in Rome, Bavaria, Austria and Hungary, and their success surely suggests the extent to which she was meeting a need. Powerful forces within and without the Church were working against her. She had to suffer the insults of those who called herself and her nuns 'Galloping Girls' and 'Apostalic Viragos'. In Brussels the English Ambassador regarded her as potentially subversive. The Lord Protestant Archbishop of Canterbury could think of no better condemnation than that she had done more harm than six Jesuits! Cardinals were shocked to see her arrive in Rome — a woman to plead her case with the Pope in person — having prepared her own document, and walking all the way over the Alps to present it.

**Never Lost Hope**

All her efforts were in vain. Though the Pope and some of the cardinals recognised her sheer goodness, her zeal and magnanimity, few of them were prepared to support her against the hide-bound prejudice of the time. And prejudice was to have its day. She who was so dedicated to the spread of God's truth was imprisoned in Munich in 1631 as a heretic and in the same year her Institute was suppressed, her schools closed and her followers scattered. Even in this, her darkest hour, Mary never lost hope. She knew she was right and time has justified her vision. In her personal life, she was supported not only by absolute trust in God but also by an absolute courage which in the context would be an insult to call 'manly' and by a sense of humour and a gaiety which made her rise above all the difficulties and suffering that beset her. "Be merry!" she would say, "we serve a good Master". her death, at Heworth in 1645 in her native Yorkshire at the age of sixty was shadowed like her life. No priest was near her when she died and she was buried in a Protestant churchyard in Osbaldwich. But her faith still saw the glory and like the Phoenix her Institute rose again from the ashes of failure and is spread over the five continents. Her followers in the Irish branch of the Institute are known as Loreto nuns. All the countless girls who have been educted in Loreto Convents and in other convents all over the world owe much to Mary Ward. For is was her vision that made possible the work not only for her own nuns but for all the great religious orders of women devoted to education in subsequent centuries. She had indeed enriched the Church with a glory that the ages will never dim and has demonstrated to us again that single-minded devotion to God's cause is unconquerable however feeble its immediate visible achievement might be.

*By* SR. CAMILLA, I.B.V.M.

# TRID TGĦIN!!!

Jekk inti għandek xi kotba li jistgħu b'xi mod igħinu lil dawk li jkunu jridu jagħmlu użu mill-Biblijoteka Marjana tas-Santwarju u għalik ma humiex ta' siwi, lilna jistgħu jiswewlna ħafna jekk tgħinna sabiex nakkwistawhom.

**Dawk li jirregalaw aktar minn 500 ktieb ikollhom riservata għalihom sezzjoni mill-Biblijoteka li tissemma "N.N. Memorial Library".**

Naċċettaw ukoll oġġetti li huma żejda għalik jew tħoss li jistgħu jkunu utli għall-Mużew li għandna l-ħsieb li nwaqqfu fis-Santwarju.



# Tfal Thobbuha lill-Madonna?

(**ANTON FARRUGIA** *jkellem lit-tfal devoti tal-Madonna*)

Għeżież Tfal,

Proprjament, illum mhux jien sejjer inkellimkom. Sejrin ikellmukom persuni oħra kbar u tabilħaqq distinti. Fost dawn il-persuni, li kollha ser ikellmukom fuq ir-RUŻARJU MQADDES, hemm il-**Verġni Mbierka** stess li tgħidil-kom sentenzi ta' importanza kbira dwar ir-Rużarju tagħha:

* **Il-Madonna lil San Duminku:** "Ir-Rużarju hu arma qawwija kontra l-infern, jeqred il-ħażen u jbiegħed id-dnub".

* **Hayden, kompożitur famuż tal-mużika:** "Wara li nkun għidt ir-Rużarju bil-kuruna li dejjem inġib fuqi, inħossni msaħħaħ kemm fir-ruħ kif ukoll fil-ġisem".

* **L-Isqof Fulton Sheen:** "Fir-Rużarju, li hu għanja ħelwa ta' talb u mħabba, inħaddmu lil subgħajna, lil xuftejna, lil moħħna u lil qalbna. Ir-Rużarju huwa l-akbar talba komposta mill-bniedem".

* **Il-Madonna lil San Duminku:** "Ir-ruħ li titlob l-għajnuna tiegħi permezz tar-Rużarju ma tintilifx".

* **Il-Marixxal Foch, gwerrier qalbieni fl-ewwel gwerra dinjija:** "Ir-Rużarju rreċitajtu fil-ġranet kollha ta' ħajti, anke f'dawk il-jiem li fihom kont immexxi l-battalji kbar".

* **San Bernard:** "Ir-Rużarju jħarrab lid-demonju u jġiegħel lill-infern kollu jitriegħed bil-biża'."

* **Il-Madonna lill-Beatu Alan de la Roche:** "...ma rridx nonqos insemmi l-għeġubijiet u sinjali kbar li jien wettaqt f'ħafna artijiet tad-dinja minħabba r-Rużarju Mqaddes. Waqqaft mardiet ta' pesta u waqqaft gwerer qerrieda. Ma ħallejtx li jsiru atti ta' qtil kiefer u li jiġri ħafna demm. Minħabba r-Rużarju tiegħi bosta nies kisbu qawwa li jaħarbu t-tentazzjonijiet. Meta tgħidu r-Rużarju, l-anġli jifirħu, titgħax-xaq it-Trinità Mqaddsa, l-Iben tiegħi jifraħ ukoll u jien innifsi nieħu gost aktar milli inti qatt tista' tissopponi. Wara s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa ma hemm xejn iżjed fil-Knisja li jien inħobb daqs ir-Rużarju.



Tfal, taraw kemm huwa talb ta' l-għaġeb u setgħani r-Rużarju tal-Madonna. Waħħluha f'raskom li ma jgħaddix jum wieħed biss minn fuqkom li ma tgħidux dan it-talb għażiż. San Lwiġi Marija de Montfort igħid fil-ktieb tiegħu "Is-Sigriet tar-Rużarju" li meta wieħed iħalli r-Rużarju bi traskuraġni imqar għal jum wieħed, dak huwa jum moħli.

Ikompli de Montfort: "Ir-'roses' tar-Rużarju li ngħidu, qatt ma jinxfu, qatt ma jitbielu u qatt ma jmutu. Jibqgħu friski u jfuħu għall-eternità."

# XEJN LA TIBŻA' TIEĦU LIL MARIJA B'MARTEK

J. SIMONART

F'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi, wieħed ma jistax jikkuntenta ruħu billi jikkontempla r-realtajiet minn barra. Jeħtieġ li jidħol fil-misteru. Jeħtieġ li jinvolvi ruħu fih.

Il-ħajja Marjana ma taħrabx minn din il-liġi. Mhux biżżejjed li tkun sibt il-post uniku ta' Marija fil-ġabra tad-dati tal-fidi. Mhux biżżejjed tkun taf li Marija hija mudell tal-Knisja, u tgħid li hija l-"iva" ta' l-umanità għad-don ta' Alla. Bla dubju, dan hu istruttiv, utli u neċessarju. Madankollu, il-ħajja Marjana tagħna ma tistax tieqaf hawn.

Persuna ma tistax tiġi magħluqa f'xi wieħed mill-attijiet tagħha, ikun sinjifikattiv kemm ikun. Meta nitkellmu minn Marija inkunu qed nitkellmu minn persuna. Kull laqgħa bejn żewġ persuni titlob ftuħ. L-ieħor, fit-traxxendenza tiegħu, jagħmel stedina għal-laqgħa. U b'hekk, kull laqgħa tistedinni ninfetaħ għal xi ħaġa ġdida; u fl-istess nifs tifridni mill-ġibda li nħoss biex nieqaf fuq dak li nkun diġà ksibt. Mingħajr dan il-ftuħ għal-laqgħa, ma jistax ikun hemm ħajja Marjana. Għax din titlob laqgħa ta' persuna, u tibni relazzjoni personali. Bla dubju, jista' jingħata l-każ li wieħed joqgħod itella' u jniżżel biex jilqa' lil Marija. M'aħniex minn ta' l-ewwel li qagħdu jaħsbuha f'dan ir-rigward! L-istess Ġużeppi kellu bżonn jisma' l-kelma mingħand l-anġlu: "Xejn la tibża' tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" (Mt 1:20).

Fl-Evanġelju nsibu sejħa oħra biex nilqgħu l-persuna ta' Marija. Dan il-pass inkiteb għal kull wieħed u waħda minna.

"Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù, ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: 'Mara, hawn hu ibnek'. Imbagħad qal lid-dixxiplu: 'Hawn hi ommok'. U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu". (Ġw 19:25-27).

Dan il-pass iġib żewġ sentenzi qosra ta' Ġesù. Ipoġġihom fil-qalba tal-misteru tas-salvazzjoni tagħna; mument ta' serjetà u ta' glorja liema bħalha. Dawn is-sentenzi jistiednu lil tnejn min-nies biex jilqgħu persuna u b'hekk jidħlu f'reċiproċità ta' persuni.

L-ewwelnett, il-kelma ta' Ġesù tindirizza ruħha lil Marija. Din il-mara, omm Ġesù ta' Nazaret, li Binha se jiġi mifrud minnha permezz ta' mewt inġusta. Ma' din il-mewt, tintemm il-maternità karnali tagħha. Bla dubju, din il-maternità tilħaq hawnhekk il-quċċata tagħha bil-qawwa ta' l-offerta antiċipata li għamlet dak in-nhar tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju. Wara din il-maternità karnali tiġi l-maternità spiritwali. "Mara, hawn hu ibnek". Din il-kelma ta' Alla, bħal kull kelma li toħroġ mix-xufftejn divini, hija kelma u azzjoni fl-istess ħin. Kelma ħallieqa u effikaċi, u wkoll kelma li hi stedina u sejħa.

Din is-sejħa tistenna tweġiba ħielsa. Minnufih, tidwi għal darb'oħra fis-skiet ġewwieni tal-qalb ma' qalb, ta' Marija u ta' Alla, it-tweġiba li timmarka kull wieħed mill-jiem ta' omm Alla: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond

kelmtek!" (Lq 1:38). Sa minn dan il-mument Marija tilqagħna. Hija tirċevina. U din il-laqgħa hija murija mill-kelma ta' Alla stess. Hija tirċevina bħala wliedha. Il-laqgħa tagħha hija laqgħa ta' omm. Hija, li ngħatat għall-pjan ta' Alla, irċeviet il-Verb. Dan il-Verb ta' Alla issa jagħtiha d-dixxipli tiegħu sabiex hija tkompli tingħata għalihom. Hija kienet ingħatat kollha kemm hi. Alla kien qabadha fil-kelma. Issa, il-profondità tal-għotja moħbija se tinfirex fl-ispazju u fiż-żmien permezz ta' fekondità materna li ma tafx bi tmiem. Bla dubju, tibqa' dejjem qisha moħbija, imma daqshekk ieħor preżenti. Marija diġà laqgħetna.

Imbagħad wara din, u mhux qabel, toħroġ mix-xufftejn ta' l-Imsallab kelma oħra divina: "Hawn hi ommok".

Hija l-aħħar kelma li qal Ġesù qabel ma miet, lid-dixxiplu li kien iħobb u, fil-persuna tiegħu, lid-dixxipli kollha. Hu wkoll kien ingħata meta mar wara l-Imgħallem tiegħu. U l-Imgħallem jagħmillu din l-aħħar sejħa: "Hawn hi ommok". Hawnhekk ukoll din il-kelma ta' Alla hija ħallieqa. Hawnhekk ukoll, hija sejħa li titlob tweġiba ħielsa. Marija kienet tat il-kunsens tagħha minnufih. Ġwanni jagħmel l-istess: "U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu" (Ġw 19:27). Spiss aħna nieħdu ħafna iktar żmien biex nidħlu b'mod sħiħ f'dan il-pjan tal-Mulej. Bħalma qal darba wieħed isqof: "Xi drabi nsibu t-triq twila wisq biex naslu għand Marija, għalkemm hija dejjem triq qasira għall-qdusija".

Ir-reċiproċità f'din ir-relazzjoni ta' Omm ma' l-Iben ma tistax issir mingħajrna. Huwa minnu wkoll li l-fatt li nilqgħu lil Marija bħala Omm, jissupponi li naċċettaw il-fatt li aħna wlied. Din hija l-kundizzjoni fundamentali tan-nisrani: "Tassew, ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 18:3).

Aħna diġà milqugħin. Marija tat il-kunsens tagħha. Bħalma kull omm tiġi qabel binha, hekk ukoll Marija laqgħetna qabel ma aħna għarafna dal-fatt. U bla dubju, għalkemm b'mod moħbi u diskret, hija diġà fesfsitilna f'widnejna l-kelmiet: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2:5). Bħal kull omm, hija tagħtina l-ħajja, u tkabbarna bl-istess ħajja tagħha u bil-ħerqa materna li tħaddem magħna.

Bil-maqlub tal-filjazzjoni karnali, li tgħaddi mid-dipendenza għall-awtonomija, il-filjazzjoni spiritwali titlaq mill-awtonomija biex tasal għad-dipendenza ħielsa. Dipendenza li tikkonsisti filli ċċiedi għall-kelma ta' Alla. "Hawn hi ommok". Min jilqa' din il-kelma, jagħti ċans lil Marija turi f'ħajtu l-ħerqa kollha tagħha ta' omm. Dak kollu li hija stess irċeviet mingħand Alla, u li Hu jrid jagħtina permezz tagħha. B'hekk tinħoloq rabta bejn l-Omm u l-iben. Jintrabtu t-tnejn flimkien permezz ta' l-imħabba ta' Ġesù; u din l-imħabba ta' Ġesù ddaħħalhom f'għaqda ġdida. Għaqda li fiha d-dixxiplu jsir iben, u Marija ssir Omm. Għaqda magħmula minn laqgħa u minn għotja reċiproka.

Din il-għotja, fl-istorja tal-bniedem, spiss ħadet l-isem ta' "konsagrazzjoni lil Marija". Bla dubju, fis-sens dejjaq tal-kelma, aħna ma nikkonsagrawx ruħna ħlief lil Alla biss. Fil-fatt, il-konsagrazzjoni lil Marija hija l-konsagrazzjoni tagħna nfusna lil Alla, li diġà għamilna fil-magħmudija, u li nġedduha permezz ta' Marija. B'dan il-ġest, id-dixxiplu jieħu lil Marija għandu, u jinfetaħ għat-tiswib fih tal-grazzji kollha Marjani.

Ġesù stess jistedinna għal dan. Hu jagħtina lil Marija...u Marija tagħtina 'l Ġesù. Il-fatt li nkunu dħalna b'dan il-mod f'għaqda ma' Marija, jaffettwa ħafna r-relazzjoni tagħna ma' Ġesù. Ġesù jistedinna nidħlu f'għaqda miegħu fil-filjazzjoni tiegħu lejn Marija. U dan sabiex, kif qal San Ġwann Eudes, inħobbu lil Marija bil-qalb ta' Ġesù...u lil Ġesù bil-qalb ta' Marija.

(Maqlub għall-Malti minn
**SR. ĠUSTINA BONELLO, O.S.B.)**

*(Mir-Rivista "Sanctifier", avril, 1988).*

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**LULJU:**

**1.** Il-Kappillan Dun Dione Cutajar mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien għas-Santwarju. Saret quddiesa u talb ieħor lill-Madonna.

**2.** Il-Fergħa Ewkaristika żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija u wara saret siegħa adorazzjoni.

**3.** Sar pellegrinaġġ mill-Birgu b'radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna.

**4.** Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-proċess tal-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni tal-Madre Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani, Madre Margerita Debrincat, l-Isqof Mons. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' 80 saċerdot. Is-sorijiet flimkien ma' poplu numeruż irringrazzjaw lil Alla għal tant grazzji li huwa xerred fuq il-Komunità Reliġjuża mwaqqfa minn Madre Margerita.

**6.** Sar pellegrinaġġ ta' radd il-ħajr mill-parroċċa ta' Burmarrad. Qaddes Fr. Christopher Galdes ofm Conv.

Grupp ta' żgħażagħ li kienu qed jagħmlu l-irtir tagħhom f'Dar Manresa ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu. Qaddes għalihom Fr. Raymond Pace S.J.

**7.** Dun Nazzarenu Tonna mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żurrieq. Huwa qaddes għall-pellegrini fis-Santwarju.

Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Imsida. Fr. Gafa ċċelebra l-Ewkaristija għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**10.** L-"Accademia Internazionale per le Scienze Economiche e Sociali" magħrufa bħala l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, għamlet Quddiesa Kantata Solenni fis-Santwarju u wara saret ukoll l-Investitura u l-Konsagrazzjoni tal-membri. Il-quddiesa kienet iċċelebrata minn P. Rafel Gauci. Il-mużika kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard.

**11.** Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Kapitlu Ġenerali tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl imwaqqfa mill-Qaddej t'Alla Mons. Ġużeppi Depiro, il-Kapitulari kkonċelebraw flimkien il-quddiesa f'ġieh l-Omm Qaddisa ta' Alla Mtellgħa s-Sema, patruna tas-Soċjetà biex jitolbu l-għajnuna t'Alla u l-interċessjoni ta' Marija tul il-ġranet tal-Kapitlu. Fr. James Bonello MSSP mexxa l-Konċelebrazzjoni.

**12.** Il-Grupp Missjunarju Għawdxi mexxa laqgħa ta' talb fis-Santwarju. Dun Mikiel Attard qaddes għall-membri tal-Grupp fil-Kappella tal-Madonna.

**13.** Ġew organizzati diversi pellegrinaġġi minn Malta, fosthom mill-parroċċa ta' H'Attard, mill-Gudja u mill-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem ta' Birkirkara.

**14.** Minn Malta waslu diversi pellegrinaġġi: il-Kappillan Dun Walter Cauchi mexxa pellegri-

naġġ mill-Gżira; Fr. Joe Farrugia mexxa pellegrinaġġ minn Hal Tarxien; il-Kappillan Dun Lino Grech mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' l-Imġarr waqt li l-Kappillan Dun Joe Bugeja mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Stella Maris; Fr. John Farrugia mexxa pellegrinaġġ miż-Żurrieq.

**17.** Grupp ta' żgħażagh mill-Imġarr ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju. Qaddes għalihom Fr. Noel Bonello.

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla tal-Mellieħa organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju. Hadu sehem 50 ruh.

**18.** Il-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Franġiskani Conv., ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn raddew hajr lil Alla ghall-grazzji li huma qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna.

**19.** Dun Anton Zammit mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Hal Tarxien. Saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika u talb iehor lill-Madonna.

**20.** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Hal Kirkop. Dun Nazzarenu Caruana qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ.

**21.** Ġew organizzati pellegrinaġġi minn diversi parroċċi ta' Malta fosthom wieħed mill-parroċċa ta' Birkirkara, ieħor minn Haż-Żebbuġ, ieħor mis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta u pellegrinaġġ ieħor mill-abbatini tal-parroċċa ta' l-Imsida.

**22.** Waqt irtir li għamlu f'Għawdex grupp ta' Leġjunarji minn Malta ħadu sehem f'quddiesa li saret ghalihom fis-Santwarju ta' Pinu minn Dun Karm Curmi.

Ġie organizzat pellegrinaġġ minn Ħaż-Żabbar. Qaddes għall-pellegrini Fr. Ellul.

**23.** Fr. Thomas Calleja mexxa pellegrinaġġ mill-Grupp Vokazzjonali tal-Franġiskani Konventwali. Saret quddiesa fis-Santwarju u talb għall-vokazzjonijiet.

**25.** Sar pellegrinaġġ mill-Hamrun. Il-pellegrini hadu sehem f'Quddiesa li saret ghalihom fis-Santwarju. Wara sar talb lill-Madonna.

**27.** Grupp ta' tfal immexxijin minn Fr. Thomas Calleja ġew minn Malta biex jagħmlu żjara lill-Madonna ta' Pinu. Sar talb lill-Madonna għall-Vokazzjonijiet.

**28.** Sar pellegrinaġġ mid-Dar tat-Talb "Frate Francesco" ta' Birkirkara fl-okkażjoni tas-Sena Marjana. Il-pellegrinaġġ tmexxa minn Fr. Alexander Borg.

AWISSU:

**1.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar fl-okkażjoni tas-Sena Marjana. Il-kappillan Fr. Frankie Debono qaddes għall-parruċċani tiegħu fis-Santwarju.

**9.** Fl-okkażjoni tas-Sena Marjana, il-Kumitat tal-banda "Holy Trinity" tal-Marsa organizza pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu. Saret quddiesa minn P. Alfred Xerri ofm Cap. u talb ta' ringrazzjament lil Alla għall-grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna.

Fl-okkażjoni tas-Sena Marjana wkoll sar pellegrinaġġ ieħor mill-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Qaddes għall-pellegrini Dun Salv Mallia li ċċelebra wkoll il-45 sena tas-saċerdozju.

Fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju tal-Ordinazzjoni tagħhom, Dun Duminku Camilleri, Dun Manwel Bonello, Dun Franġisk Sultana, Dun Ġorġ Cordina, u Dun Eddie Zammit qaddsu fil-Kappella tal-Madonna. Mexxa l-Konċelebrazzjoni l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



New York, New York
May 17, 1988.

This letter and enclosed donation is a testimony to thank and praise The Blessed Virgin Mary of "TA' PINU" for Her miraculous intervention in helping me sell a piece of property worth over one million dollars and thus earn my commission as a real estate broker.

Although the odds of securing this deal were stacked high against me, with Your Grace I successfully succeeded in closing this deal through the countless byzantine labyrinths I had to go through, and what was once impossible became possible, only through your Divine Power, for only You knew the suffering and pain I went through.

Finally, I beseech You to Grant me

S E C U R I T Y — to accept the things I cannot change

C O U R A G E — to change the things I can, and

W I S D O M — to know the difference.

Respectfully,
**N.N.**

**GHAWDEX:**

Sunta Farrugia; John Gatt; Michael Vella; M'Rose Mizzi; Paola Xuereb; Carmen Gauci; Jane Azzopardi; Ġuża Cauchi; Ġużepp Mizzi;M Maria Vella; Mr. & Mrs. Apap; Liża Xiberras; Rose Sultana; Rita Xiberras; Rosaria Calleja; Mr. & Mrs. Zammit; Annetta Grima; Liża Azzopardi; Maria Portelli; Victoria Portelli; John Portelli; Betty De Domenico; Austin Dingli; Joseph Sultana; Rita Camilleri; Leli Saliba; Karmnu Bugeja; Familja Attard; Karistu Mercieca; Gerita Buttigieg; M'Anna Cauchi; Anġlu Grech; Richard Xuereb; M'Assunta Muscat; M. Pace; Tereża Muscat; Mick Grima; Ġużeppa Mercieca; Tabone Rita; Joe Tabone; Jennifer Vella; Lucy Falzon; Ġemma Sultana; P.P. Vella; Antonia Grima; Ċensu Farrugia; Stella Aquilina; Franġisk Saver Buttigieg; Pawla Hili; Kelina Rapa; Margerita Bajada; Carmen Farrugia; Salvu Mizzi; Pawlu & Angela Vella; Marvin Cauchi; Ċetta Farrugia; Kurun Cassar; Rosina Mercieca; Mary Xerri; John Mc Green; Christina Abela; Maria Buttigieg;

Carmelo Borg; Maria Saliba; Pietru Muscat; Peter Paul Cassar; Carmel Debrincat; Publija Azzopardi; Rita Portelli; Reġina Cardona; Jane Azzopardi; Dolora Azzopardi; Katarina Bellizzi; Franġisk Mercieca.

Ġanni Sultana; Frances Calleja; Anġolina Theuma; Dolora Grima; Anna Muscat; Maria Zammit; Ġużeppa Spiteri; Żakkarija Attard; France Pace; Anna Maria Vella, Carmen Xerri, Pauline Grima; Vicky Galea; Carmen Attard; Vicky Xerri; Antonia Bajada; Rita Bonnici; Maria Cardona; Joseph Cassar; Ġużepp Zammit; Manwel Grech; Doris Cassar; Maria Grech; Maria Caruana; Rose Vella; Carolina Theuma; Maria Buttigieg; Rosaria Spiteri; Ġanna Cassar; Salvina Azzopardi; Rita Sammut; Maria Vella; Grazzja Said; Maria Buttigieg; Carmelo Portelli; Rose Cassar; Pawla Grima; Maria Sultana; Joseph Refalo; Carmel Azzopardi; Anna Sultana; Maria Rapa; Ġuża Spiteri; Mr. & Mrs. Paul Grima; Grazzja Grech; John Buttigieg; Ġuża Debono; M'Ann Sacco; Elizabeth Zammit; Stella Mifsud.

Sunta Camilleri; Josephine Cassar; Pietra Said; Toni Theuma; Joseph Cini; Maria Attard; Carmelo Vella; Rita Spiteri; Carmel Apap; Nikolina Farrugia; Mary Galea; Klement Micallef; Rita Mejlak; Doreen Cascun; Maria Aquilina; Victor Zammit; Sorijiet Sależjani; Carmen Grech; Anna Attard; Ġuża Sultana; Rita Grima; Ġanni Bajada; Carmen Buttigieg; Carmen Grech; Franġisk Pace; John Grima; Lina Said; Marija Formosa; Maria Xuereb; Carmela Saliba; Carmen Micallef; Kurun Falzon; Pawlu Muscat; Maria Spiteri; Ġanni Spiteri; Ġużeppi Vella; Ċensa Camilleri; Domenico Said; Joseph Sultana; Anthony Attard; Ċetta Farrugia; Joseph Gatt; Pietru Pawl Mifsud; Carmen Saliba.

Alfred Mifsud; Mary Cauchi; M'Anna Muscat; Mike Grima; Lucy Falzon; Marija Muscat; Josephine Attard; Angela Mizzi; Josephine Cassar; Ursola Formosa; Francis Azzopardi; Kapp. D. Mikiel Borg; Jane Bugeja; Maria Bajada; Ġuża Attard; Nata Portelli; Mary Paul Refalo; Mary Cassar; Melita & John Xiberras; Gregory Grech.

**MALTA:**

Stella Tonna; Anton Debono; Mary Zahra; Margaret Gauci; Anna Aquilina; Victoria Galea; Margaret Zammit; Mary Aquilina; Emilda Micallef; Julian Micallef; Katie Camenzuli; Joe Pullicino; Patrick Mercieca; Turban Joseph; C. Gauci; Anna Debattista; Mary Mercieca; Angelo Mifsud; Marthese Agius; M'Anne Sammut; Burridge Evlyn; D. Bondì; Angelo Azzopardi; Azzopardi Bobby; Mrs. Cassar; E. King; T. Barthet; Loretu Xuereb; Rosalie Bonnici; Eric Tabone; Giovanna Camilleri; Joseph Cauchi; Antonio Calleja; Pius Camilleri; Carmen Vella; Carmen Azzopardi; Rita Azzopardi; M'Assunta Gauci; Rita Camilleri; Joe Bonavia; Elisabeth Saliba; Francis Vella; Reno Bugeja; Alfred Mifsud; Loreta Xuereb.

**AWSTRALJA:**

M'Anne Grech; D. Camilleri; Nazzarena Apap; Carmel Attard; Lonza Mercieca; Maria Attard; Mary Micallef; Mrs. Vella; Rita Deguara; Joe Cini; Josephine Camilleri; J. Debrincat; Mary Xerri; Gerry Agius; Grace Mifsud; Tereża Debono; Saver Bugeja; Carmen Hili; Carmen Mula; Emmanuel Hili; Mr. & Mrs. Chris Sultana; Mr. & Mrs. L. Cremona; Lino Vella; Doris Borg; Francis Debrincat; Mrs. Taddea Cordina; Josephine Grech; Mary Cassar; M. Darmanin; Maria Debrincat; Rosa Cauchi; Charlie Farrugia; Andrew Zahra; M. Portelli; Pinu Buttigieg; Jessie Xiberras; Maria Portelli; Ġorġa Micallef.

Joseph Grima; Vince Mercieca; Grazzja Saliba; E.D. Gatt; Mrs. I. Tonna; Lonza Camilleri; Joe Saliba; Charlie Vella; Josephine Mifsud; Josephine Bezzina; Maria Bonanno; Doris Zammit; Victoria Aquilina; Liża Sultana; Joyce Muscat; Maria Cauchi; Lucy Mercieca; Rita Cassar; Charlie Zammit.

**USA:**

Mr. & Mrs. Apap; Giulia Vassallo; C. Sammut; Michael Debrincat; Joe Muscat; Tony Curmi; Angelo Farrugia; Stella Camilleri; Mikiel Gauci; Alfred Portelli; Rita Pace.

**INGILTERRA:**

Elsie Bawden; Doreen Hill.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Rev. Fr. Mariano Zammit; Patri Alfred Xerri; Can. Carmelo Borg; Fr. Joe Libreri ofm Cap.; Dun Mikiel Attard; Mgr. Joseph Curmi; Mons. Gius. Borg; Fr. Martinian Cutajar OSA.; Can. Joseph Borg; Mons. Emmanuel Mercieca; Mons. Ġużeppi Buttigieg; Arċ. Eucaristico Sultana; Dun Karm Hili; Mgr. Joseph Farrugia Dimech; Fr. Saviour Grima; Can. John Gauci;

Kan. Gregorio Penit. Vella; Rev. Joseph Camilleri Cini; Can. Joseph Grech; Can. Joseph Sacco; Fr. Lucas Camilleri Tirkey; Arċ. Mgr. Anton Saliba; Dun Anton Dimech; Dun Frankie Sultana; Dun Karm Curmi; Fr. Albert Curmi; Dun Effie Masini; Dun Jimmy Xerri; P. Pawl Cremona O.P.; Fr. A. Attard Cumbo; Fr. Victor Grech Dimech; Fr. Carmel Tanti; Mons. Rosario Giuseppe Borg; Fr. Albert Micallef; Fr. Benvenut Vella ofm Cap.; Saċ. Anton Zammit; P. Fredrick Gibson OSA.; Fr. Henry Schembri OSA; Fr. Joseph Farrugia OSA; Dun Ġorġ Grima; Mgr. Ġorġ Tabone; P. Alfred Calleja ofm Conv.; Fr. Martinjan Cutajar OSA; P. Vitor Buhagiar; Mons. Carm Scicluna; Fr. Clement Abela O.P.; Fr. Sebastian Scicluna ofm Conv.; P. Diego Theuma ofm Cap.

Kan. Joe Bugeja; Dun Ġużepp Gauci; Kan. Anton Mejlak; Fr. Paul Mejlak; Dun Alwiġ Deguara; Can. Martin Portelli; Kan. Salv Pace; Dun Ġwann Dimech; Dun Lawrenz Sciberras; Can. Joseph Bonello; Mons. Emm. Mercieca; Rev. Anton Cefai; Rev. Charles Bonavia MSSP; Mons. Arċip. D. Salv Muscat; Dun Ġorġ Grima; Rev. Carmel Buttigieg; Dun Duminku Camilleri; Dun Ġwann Scicluna; Can Ant Buttigieg; Arċip. Carmelo Scicluna; Mons. Ġużeppi Buttigieg; Arċ. Mons. Salv Borg; Fr. Emmanuel Galea; Fr. Joe Sultana; Fr. Joe Alessandro ofm Cap; Fr. Egidio Galea OSA; Fr. Joseph Debrincat; Fr. Mario Borg; Mgr. Joseph Curmi; Fr. Christopher Galdes ofm Conv.; Don Arturo Maher; Fr. John Obilor; Fr. Raymond Pace SJ; Rev. Gregory Grech; Dun Ġorġ Frendo; Fr. Robert Agius ofm Conv; P. Ġwann Schrants ofm.

## PREŻENTAZZJONI TA' TRABI LILL-MADONNA:

Rose Mary Hili — Xewkija; Joselle Buttigieg — Sannat; Daniel Deguara; Loretta Dempsey — Għajnsielem; Stephania Buhagiar — St. Paul's Bay; Ivan Martin Xuereb — Xewkija; Maureen Bezzina — Munxar; Sylvia Caruana — Xagħra; Doreen Mercieca — Xagħra; Patrick Zammit — Xewkija; Christina Apap — Għarb; Maria Vassallo — Għajnsielem; Josepha Dimech — Għajnsielem; Kenneth Mercieca — Għajnsielem; Timothy Portelli — Nadur; Noela Mifsud — Nadur; Michaelangelo Buttigieg — Sannat; Josienne Ellul — Gżira; Paul Apap — Għarb; Charlton Pace — Ħamrun; Jeremy Darmenia — St. Julians; Rodain Zammit — Qormi; Manwel Cordina — Żebbuġ; Dorren Cini — Xewkija; Daniela Bartolo — Valletta; Alan Grech — Qala; Patrick Grech — Xewkija; Charlton Gużman — Marsa; Annalise Farrugia — B'Kara; Maria Xiberras — Xagħra; Marlene Borg — Xagħra; Maria Cremona — Nadur; Philip Farrugia — Sliema; Samantha Farrugia — St. Lucia; Jason Attard — Xewkija; Emmanuel Galea — Xagħra; Maria Buttigieg — Munxar; David Farrugia — Victoria; Dorothy Pisani — Qala; Christian Camilleri — Mġarr; Annabelle Darmanin — Ħ'Attard; Ruth Debrincat — Munxar; Brian Debrincat — Munxar; Christian Enriquez — Ħ'Attard; Jennie Buttigieg — Xewkija; Carlo Micallef — Msida; Charlton Sultana — Kerċem; Mario Giovann Tabone — Nadur; Nicolai Portelli — Siġġiewi; Marquita Theuma — Sannat; Mandy West — San Ġwann; Norbert Buttigieg — Fontana; Manwel Attard — Victoria; Monica Louise Cordina — Melbourne; Mark Charles Cordina — Melbourne; Michael George Attard — Victoria; Stefania Xiberras — Sannat; Marilyn Gatt — Victoria.

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Melanie, bint Teddy Grech u Mary née Muscat min-Nadur; Charlton bin Joseph Pace u Natalina née Cefai mill-Ħamrun; Mario bin Maurice Saliba u Rita née Azzopardi; Manyol bin Joseph Curmi u Maria née Saliba; Francene bint Eugenio Mifsud u Rita née Mifsud mix-Xagħra; Shaun bin Carmel Attard u Tessie née Portelli; Emmanuel bin Salvu Vella u Maria née Attard mill-Għarb; Karen bint Carmel Azzopardi u Ewkaristika nee Saliba mix-Xewkija; Christopher bin Carmel Vella u Rose née Bugeja; Marie bint Joseph Zammit u Genoveffa née Mercieca; Doborah bint David Banks u Tereża née Camilleri; Matthew bin Francis Masini u Elisabeth Cauchi minn Victoria; Mandie bint Francis Masini u Elisabeth Cauchi minn Victoria.

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN TEL. NO. | IT-TLIETA TEL. NO. | L-ERBGĦA TEL. NO. | IL-ĦAMIS TEL. NO. | IL-ĠIMGĦA TEL. NO. | IS-SIBT TEL. NO. |
|---|---|---|---|---|---|
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"**SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU**"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* ***"Servizz Soċjali bit-Telefon".***
* ***"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".***
* ***"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".***
* ***"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".***

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- ***Kellem lir-Rettur tas-Santwarju,***
  ***Mons. Dun Beneditt Camilleri.***
- ***Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.***
- ***Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.***



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l aktar għoli u bid dinjità ta' Omm tal Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*